# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXI Vol XII Nru. 155 Ottubru - Diċembru 2010



## L-Antifona Alma Redemptoris Mater

Tislima lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
**L-Editur,** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2010:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€18.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2011**

*Sena XXXI Vol XII Nru. 155*
*Ottubru - Diċembru 2010*




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:***
Il-Verġni Marija, Omm Kristu r-Ragħaj Divin tilqa' fi ħdanha lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, li għal 38 sena kien ir-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi Għawdxija

***Wara:*** Kalendarju 2011 mis-Santwarju Ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, George Scerri.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2010
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


# F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Bieb li jagħti għas-Sema*

**3** Il-Quddiesa: Il-Verġni Marija Omm il-Feddej

**5** L-Antifona Alma Redemptoris Mater

**6** Taf x'Qed Titlob. *Riflessjoni fuq it-talba 'Alma Redemptoris Mater'*

**9** Skola Marjana

**11** Mill-Enċiklika "Omm il-Feddej"

**14** Marija fil-Mużika

**17** Tislima lill-Isqof li kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu

**26** Il-Kelma tal-Papa

**28** English Corner *The Salve Regina*

**30** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**37** L-Għanja tal-Qaddejja L-10 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


## *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**B'suffraġġju għar-ruħ l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi**




# Bieb li jagħti għas-Sema

F'din l-aħħar ħarġa għas-sena 2010 sejrin nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq antifona Marjana oħra, li f'dan iż-żmien tal-Milied il-Knisja permezz tagħha titfa' ħarsitha fuq il-Verġni Marija u titlobha l-għajnuna tagħha fuq il-bnedmin kollha. Qed nirreferi għall-antifona ***Alma Redemptoris***.

F'din it-talba l-poplu ta' Alla jistqarr dak li huwa jemmen dwar il-Verġni Marija: hija l-**Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej**. Dawn il-kelmiet għandhom mill-ewwel jimlewna b'ferħ qaddis, għaliex waqt li qed nitfgħu ħarsitna fuq it-Tarbija ta' Betlehem, aħna nafu li dak li "twieled minn Marija Verġni u għammar fostna" huwa l-Feddej tagħna. Kemm huma sbieħ u veri l-kelmiet tal-Papa San Ljun il-Kbir: "Agħraf, o Nisrani, il-kobor tiegħek!".

Iva, għeżież, il-kobor tagħna ġej mill-fatt li Alla sar bniedem fil-ġuf verġni ta' Marija biex aħna niksbu l-ħelsien tagħna. Huwa ġie fostna biex jifdina: aħna ġejna mifdija bid-demm ta' Kristu. It-triq lejn is-Sema hija miftuħa għal dawk li jridu jimxuha.

Ejjew nifirħu għaliex it-Twelid ta' Kristu l-Feddej tagħna jrid ifakkarna li aħna ma twelidniex għad-dinja, iżda aħna twelidna għas-Sema u dan seħħ fina meta rċivejna s-sagrament



tal-Magħmudija. Għaliex daqskemm huwa veru li ommna tatna l-ħajja, daqshekk ieħor il-Knisja mqaddsa tatna l-ħajja eterna fil-fonti tal-Magħmudija. Filfatt il-fonti tal-Magħmudija huwa wkoll imsejjaħ il-**ġuf qaddis tal-Knisja**. Hekk kif Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tnissel fil-ġuf verġni ta' Marija u sar bniedem bħalna, aħna wkoll bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li niżlet fil-ġuf tal-Knisja, fl-ilma tal-fonti tal-Magħmudija sirna wlied ta' Alla. Bir raġun kollu l-Knisja f'din l-antifona, hekk kif issellem lill-Verġni Marija bħala Omm il-Feddej, issejħilha u tgħidilha: **"Int Bieb li tagħti għas-Sema"**.

Tassew li l-Verġni Mbierka hija Bieb tas-Sema, għaliex kulmin jersaq fi ħdanha jitgħallem iżomm ħarstu mhux fuq l-art, jew fuq dak kollu li hu tal-art, iżda jibda jħares lejn is-Sema, jitkellem dwar is-Sema u jixxennaq li jidħol fis-Sema.

F'din il-ħarġa nixtiequ nsellmu lil bniedem li tassew jixraqlu jissejjaħ "iben Marija" għaliex għex ħajtu fi ħdan Marija! Fis-Santwarju Ta' Pinu huwa tgħallem joqgħod fis-skiet, jisma' l-Kelma ta' Alla, jitkellem ma' Alla u dwaru. F'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, li kien iżurha kull ġimgħa, tgħallem isir bħalha qaddej ta' Alla u tal-poplu tiegħu; minn għandha u bl-għajnuna tagħha tgħallem iżomm ħarstu lejn is-Sema. Dan il-bniedem mhu ħadd għajr **l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi**, isqof emeritu ta' Għawdex. Kien nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010 li għajnejh ingħalqu darba għal dejjem għad-dinja u nfetħu beraħ għal dejjem għall-glorja ta' Alla fis-Sema. L-Isqof Nikol, kemm dam iterraq f'dan il-wied tad-dmugħ, sab fil-Verġni Marija l-bieb li jagħti għas-Sema, fiha sab l-għalliema u l-gwida tal-ħajja, fi hdanha sab lill-Feddej tiegħu u tal-umanità.

Minn dawn il-paġni ta' din ir-rivista Marjana *Madonna Ta' Pinu*, rivista li tant kienet għal qalbek, rivista li bil-kitba tiegħek fuqha mhux biss għallimtna nħobbu lil din l-Omm tas-Sema iżda kont tistedinna biex inkunu wlied denji tagħha, għażiż missier spiritwali tagħna, nixtiequ nsellmulek. Għalkemm m'għadekx magħna, aħna nemmnu li inti ħaj fi Kristu Ġesù. Irridu llum inwiegħduk li minn dawn il-paġni nibqgħu naħdmu biex il-vuċi u l-istedina tal-Madonna Ta' Pinu tibqa' tasal fil-qalb ta' kull bniedem. Iva, il-Madonna Ta' Pinu għadha ssejħilna u tgħidilna: "Ejja, ejja", biex bħalek fi ħdanha nkunu l-istudenti tagħha u minn għandha nitgħallmu ngħixu l-ħajja tagħna bħala dixxipli veri tal-Mulej.

Nikol, isqof maħbub, GRAZZI ngħidulek, int ser tibqa' ħaj fostna fit-tagħlim li tajtna. Strieħ issa fis-sliem fi ħdan il-Verġni Marija, **il-Bieb li jagħti għas-Sema**, u tgħaxxaq bis-sbuħija tal-glorja tas-Sema li ġiet miftuħa għalina minn Kristu l-Feddej! ♦



# Il-Quddiesa: Il-Verġni Marija, Omm il-Feddej

**minn Patri Anton Farrugia ofm**



Matul iż-żmien tal-Avvent u l-Milied, il-Knisja ssellem lill-Madonna bil-kant tal-antifona tant sabiħa *Alma Redemptoris Mater* u tgħidilha: Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej!

Fil-ġ*abra ta' Quddies f'ġieh il-Verġni Marija,* nsibu wkoll quddiesa bit-titlu *Il-Verġni Marija, Omm il-Feddej* li l-formularju tagħha hu qadim ħafna tant fil-*Messal Ruman,* imġedded wara l-Konċilju Vatikan II, iddaħħal fil-komun tal-Madonna għal żmien il-Milied.

Fil-fatt din il-Quddiesa hija mimlija kollha bil-ferħ u d-dawl tal-Milied u tagħti ġieh lill- Verġni Marija bħala *l-Omm* li *ġiebet fid-dinja s-sultan li ismu hu għal dejjem* kif jingħad fl-antifona tal-Introjtu. Il-Verġni Marija, skont il-pjan ta' Alla, kellha sehem tassew tal-għaġeb fil-misteru tal-Inkarnazzjoni, meta welldet l-Iben ta' Alla bħala bniedem bla ma ttiefset xbubitha. Tkompli l-antifona tad-dħul: *hija ġarrbet il-hena ta' omm bla ma tilfet il-ġieh ta' verġni.* Minn hawn ġejja d-dinjitaĭ għolja ta' Marija u l-qagħda unika tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni, għax *qabilha ma kienx hemm bħalha u anqas ikun hemm warajha.* Dan l-istess ħsieb joħroġ ċar ukoll fit-talba tal-Kolletta fejn il-Knisja titlob lil Missier u tgħidlu:

*O Alla, int ridt li l-Verġni Marija*
*ssir Omm Ibnek u tibqa' verġni,*
*u hekk offrejt lill-bnedmin kollha*
*l-ġid tas-salvazzjoni għal dejjem;*

filwaqt li tintelaq fl-interċessjoni qawwija tal-Madonna, interċessjoni li tikseb qawwa liema bħalha għaliex hi t-talba tal-Omm ta' Alla għall-poplu tiegħu. Għalhekk il-Liturġija tkompli:

*agħmel li nħossu l-qawwa*
*tat-talb tagħha għalina,*
*aħna li biha lqajna lil min tana l-ħajja,*
*Ibnek Ġesù Kristu Sidna.*

Ma jonqosx fit-Talba fuq l-Offerti riferiment għall-Ispirtu s-Santu li bil-qawwa tiegħu l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija u dan sabiex:

*jimla l-qlub tagħna bid-dawl tiegħu.*

It-tema tad-dawl li jdawwal id-dlam, tipika ta' żmien il Milied, nerġgħu niltqagħu magħha fil-Prefazju li jrodd ħajr lil Alla li:

*fit-twelid misterjuż minn Omm Verġni*
*wrejtna bħala dawl għall-ġnus,*
*is-sagrament tas-salvazzjoni tagħna,*
*Ibnek Ġesu` Kristu Sidna,*
*li bħal għarus ħiereġ minn kamartu,*
*idda għalina bħala Salvatur u Mulej*
*biex jeħlisna mid-dlamijiet*
*u mid-dell tal-mewt*
*u jagħmilna saltna ta' dawl bla tmiem.*




L-antifona tat-Tqarbin itenni l-famużi kelmiet li nsibu fl-Evanġelju skont San Ġwann:

*Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna, mimli bil-grazzja u l-verita`* (Ġw 1,14).

Il-Kelma ta' Alla li kienet minn dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet tlaħħmet fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija li għax emmnet li jsehh kull ma mar jghidilha l-Mulej permezz tal-Anġlu tiegħu Gabrijel, nisslet fiha bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

L-Iben ta' Alla ha n-natura tagħna l-bnedmin biex iseħħibna miegħu fin-natura tiegħu ta' Alla. Dan hu li titlob il-Knisja f'din il-Quddiesa wara t-Tqarbin meta tgħid:

*Kollna ferħana, Mulej,*
*fit-tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija,*
*tqarbinna bil-ġisem u d-demm*
*tal-Verb tiegħek magħmul bniedem;*
*agħmel li dan is-sagrament imqaddes*
*iseħibbna dejjem ma' Ibnek fin-natura tiegħu*
*ta' Alla. Hu li jgħix u jsaltan*
*għal dejjem ta' dejjem.*

Għedna li l-formularju ta' din il-Quddiesa f'ġieh il-Verġni Marija Omm il-Feddej, huwa wieħed antik ħafna tant li l-Prefazju nsibuh diġà fis-Sagramentarju mlaqqam "ta' Verona'' li ssawwar bejn is-sekli V u VI. Dan is-Sagramentarju jiġbor fih diversi talbiet li nkitbu mill-Papa San Ljun il-Kbir u t-talba ta' wara t-Tqarbin li tingħad f'din il-Quddiesa tfakkarna fit-tagħlim li ħallielna dan il-Papa għaref u qaddis, dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni.

Il-Knisja thares dejjem lejn il-Madonna bħala mera ta' qdusija għax tara fiha dak li tixtieq u tittama li tkun. Mhux ta' b'xejn li tqis lil Marija, bħala l-aqwa u l-eqdes fost il-membri kollha taghha. Kemm il-darba l-membri l-oħra tal-ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja, jieħdu l-eżempju ta' Omm il-Feddej tagħhom, kif jingħad fit-Talba ta' fuq l-Offerti,

*iseħħilhom ifittxu u jgħożżu dejjem*
*dak kollu li hu ta' Alla*

hi li f'ħajjitha "kienet iżżomm sewwa f'qalbha dan kollu u kienet taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha'' ( Lq 2,19). ◆

---

*B'tislima u radd ta' ħajr lill-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi* , li fl-*1998 laqgħani fid-djoċesi tiegħu biex inkun ordnat saċerdot fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.*

# L-Antifona Alma Redemptoris Mater

**mill-Kapp. Dun Nazju Borg**



Il-manuskritti juru li din l-antifona marjana ta' żmien l-Avvent magħrufa bħala l-Redemptoris Mater hija tat-tnax il-seklu. It-test hu magħmul minn xi studjużi taż-żmien karolinġu fi Franza. Fil-manuskritt Ancren Riwle hemm l-*Alma Redemptoris Mater* kif ukoll *Ave Regina Caelorum*.

L-Alma Redemptoris Mater hija waħda mill-erba' antifoni staġjonali ddedikati lill-Verġni Marija. Kienet preskritta li titkanta wara l-kompieta. Ġeneralment kienet tiġi kantata mill-lejliet l-ewwel Ħadd tal-Avvent sal-Ġimgħa qabel il festa tal Preżentazzjoni tal-Mulej. Probabilment din l-antifona kienet xogħol tar-raħeb Hermann Contractus (1013-1054) mill-monasteru ta' Reichenau fil-Ġermanja. Din l-antifona hija msemmija ukoll mill-kittieb famuż ingliż Chaucer, u dan jixhed il-popolarità tagħha fl-Ingilterra qabel Eneriku VIII. Contractus ikkompona din l-antifona mill-frażijiet ta' qaddisin kbar bħal San Fulġenzju, San Epifanju u Sant'Irinew.

Din l-antifona kienet oriġinat bħala antifona proessjonali għas-Siesta fil-Liturġija tas-Siegħat għall-festa tat-Tlugħ is-sema ta' Marija. Kien il-Papa Klement VI fl-1530 li ddetermina meta għandha titkanta. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ddedika enċiklika lill-Madonna bit-titlu Redemptoris Mater.

Ta' min jgħid li din l-antifona tinsab tassew fil-post tagħha l-fatt li titkanta fiż-żmien l-Avvent u l-Milied. Ta' minn ifakkar li żmien l-Avvent huwa l-aktar żmien marjan tas-sena. Għax Marija hi tassew il-bieb l-Avvent, anzi hija l-Avvent per eċċelenza ghax kienet din il-Mara li nislet lil Ġesù f'moħħha, f'qalbha, f'ġufha imbagħad tagħtu lid-dinja. Marija hi tassew stedina għan-nisrani tal-lum biex ikun bniedem tal-Avvent, tal-stennija u tal-miġja tal-Mulej li ġej.

Mhux ta' b'xejn il-Knisja tiċċelebra waħda mill-akbar festi marjan tas-sena fil-qalba tal-Avvent, is-solennità tal-Immakulta dik li tnisslet mingħajr dnub bi privileġġ li taha Alla. Hija l-festa tal-ġmiel u qdusija. Din il-festa tfakkarna fil-kruha tad-dnub u fis-sbuħija tal-grazzja. Tfakkarna wkoll għal liema sejħa aħna msejħin dik li nsiru qaddisin.

Marija hija xbieha ikona ta' dak li minnu trid tgħaddi minnu l-Knisja, jiġifieri kif tinsab Marija għad inkunu aħna lkoll. Dak li twettaq f'Marija jitwettaq f'kull nisrani jekk jimxi tassew wara l-passi ta' Ġesù.◆



# Tafx'qed Titlob?

## Riflessjoni fuq it-talba "Alma Redemptoris Mater"

*minn Dun Alex Refalo*

**"Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,"**
Il-vera devozzjoni lejn Marija hija dik li twassalna għand Ġesù. Kull talba lil Marija li l-Knisja toffrielna hija marbuta ma' din il-verità. Hekk ukoll naraw f'din it-talba li għal mijiet ta' snin il-Knisja kienet titlob lil Marija. Hija talba marbuta maż-żmien ta' l-Avvent u l-Milied għaliex insejħu lil dik li welldet il-Feddej. Filwaqt li nagħtuha ġieħ: "Omm ħelwa tal-Feddej'' aħna nersqu lejha ħalli nitolbuha.

**"Int bieb lilli jagħti għas-sema"**
*"Ianua Coeli"*, " Bieb tas-Sema'', aħna nsejħu lil Marija fit-talba tal-Litanija. Minn dan il-bieb seta' jidħol Alla fil-ħajja tagħna u jsir bniedem bħalna. Il-kelmiet tas-salm kienu qed jistiednu lil Marija tħalli lil Alla jidħol fiha u fil-ħajja tagħna: "Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!'' (Salm 24,7.9).

Jekk Ġesù għażel lil Marija bħala t-triq biex jiltaqa' magħna ma nistgħux nippretendu li nagħżlu triq aħjar minn din li huwa għażel biex niltaqgħu miegħu u ningħataw għalih. Qaddisin kbar bħal San Luigi Grignion de Montfort u San Massimiljanu jistqarru li d-devozzjoni perfetta lejn Marija hija "it-triq faċli, qasira, perfetta u żgura li twassalna għall-għaqda tagħna mal-Mulej''. Marija tgħinna nqassru d-distanza, nimxu aħjar u naslu iżjed malajr għand Binha Ġesù. F'dan id-dawl San Piju ta' Pietrelcina jwieġeb lil wieħed li talbu jurih triq qasira li twasslu għand Alla. It-tweġiba kienet: il-Verġni Marija!

Kien posssibbli għal Ġesù li jitqarreb ma' koppja fid-diffikultà grazzi għall-intervent ta' Marija. Talbithom jagħmlu dak li jgħidilhom Binha (ara Ġw 2). Huwa permezz tagħha wkoll li d-dixxipli waslu jemmnu, jew aħjar, tqarrbu iktar lejn Ġesù.

## "Int, kewkba tal-baħar, Marija"

Il-kewkba tal-baħar kienet tagħti direzzjoni lis-sajjieda fiż-żmien meta dawk li kienu jivvjaġġaw ma kellhomx l-istrumenti li għandna illum. Il-kewkba tal-baħar kienet tfisser għalhekk direzzjoni u sikurezza speċjalment għal dawk li kienu jħossuhom mitlufa. Fil-baħar imqalleb tal-ħajja, il-kewkba li għandna bżonn biex bid-dawl tagħha turina t-triq u toffrielna sikurezza hija Marija. F'dawk l-iljieli meta l-moħħ jiddallam u l-qalb timtela bil-biżgħat u fil-ħajja ma jibqax jidher xaqq dawl, huwa meħtieġ min-naħa tagħna li nagħmlu pass: Inħarsu 'l fuq. Insejħu lil Marija!



## "ħarisna mill-waqgħa, kun magħna għajnuna tal-poplu maħtur"



Aħna l-poplu l-maħtur, il-magħżulin biex inkunu taħt il-ħarsien ta' Marja. Aħna tassew uliedha. Kif tista' għalhekk l-Omm ma tagħtix każ ta' wliedha u tgħinhom? Qed nitolbuha tħarisna mill-waqgħa għax il-bniedem il-qadim, il-bniedem tad-dnub li jsemmi San Pawl (ara Rum. 7) għadu jinsab fina... Faċli nċedu. Id-dgħufija tagħna hija kbira u dak li ġarrab lil Kristu, ix-xitan, ma jaqtax qalbu milli jkompli jġarrab lilna. Ikbar it-tentazzjoni u ikbar il-waqgħa, iktar qawwija għandha toħroġ il-karba għall-għajnuna biex Marija tibqa' magħna u tħarisna.

## "Li b'għaġeb nissilt 'l min ħalqek fis-siegħa li lqajt it-tislima, li tak Gabriel"

B'għaġeb inħarsu lejn Marija għall-għaġeb li Alla għamel magħha, ħlejqa tiegħu. Għaġeb iehor kbir kien kif Marija setgħet tilqa' ġewwa fiha messaġġ tant għoli: li kienet ser twelled lil Alla! Ma kienx dan possibbli li kieku ma kenitx l-istess grazzja t'Alla li ħadmet fiha. Huwa minnu li Marija rċeviet grazzja li tkun Omm Alla imma fl-istess waqt irċeviet grazzja oħra li tilqa' fiha din il-grazzja. Dan nifmuh fid-dawl ta' dak li jgħid San Ġwann: "Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, **grazzja fuq grazzja**'' (Ġw 1,16). X'kapaċi jagħmlu fina il-grazzji li Alla jagħtina meta nħalluhom jaħdmu fina!

## "u bqajt xebba, kif qabel, hekk wara t-tnissil"

Ix-xebba hija dik mimlija bil-vojt biex tilqa' ġo fiha... hija dik l-art tajba li jsemmi l-Vanġelu (ara Mk 4,8) li laqgħet fiha ż-żerriegħa. Hija dik l-art li tħalli l-ispazju meħtieġ biex iż-żerriegħa tinbet, tagħmel l-għeruq u tikber (ara Mk 4,27-29). Huwa minnu li x-xebba Marija ħalliet il-vojt fiha biex jimtela b'Alla, imma dan il-vojt baqa' anke wara: "bqajt xebba... hekk wara t-tnissil'', ħalli issa jkun jista' jilqa' fih lilna, speċjalment meta nersqu lejha u nitolbuha.



## "ħenn, Omm, għal uliedek midinba"

"Omm tal-ħniena'' nsejħu lil Marija fis-Salve Reġina, "Xebba kollok ħniena'' nerġgħu nsejħulha fil-Litanija. Huma talbiet li l-Knisja fit-tradizzjoni tagħha dejjem għożżiet. Anke f'din it-talba tal-*Alma Redemptoris Mater* tissemma' r-rabta ta' Marija mal-ħniena. Il-ħniena hija dik il-virtù li timliena bil-kompassjoni lejn il-miżerji ta' ħutna fil-bżonn.

"Ingħatalna iben'' (Is 9,5). Ingħatalna rigal minn Alla nnifsu u minn Marija għax mingħajr l-"Iva'' tagħha l-Iben t'Alla ma setax jiġi fostna. Il kelmiet li San Pawl jgħid dwar Alla l-Missier nistgħu napplikawhom ukoll għal Marija: Hu li lil Ibnu "tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu?'' (Rum 8, 32) – Hi li lil Binha "tatu għalina lkoll, kif ma tagħtiniex ukoll **kollox** miegħu, kif ma tkomplix tħenn għalina wliedha u tgħinna? Anzi Kristu nnifsu jistenna li Marija tagħmlu dan, għax qal: "lil min tawh ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna mingħandu; u min ħallewlu ħafna f'idejh iżjed jippretendu mingħandu'' (Lq 12,48). Jekk huwa ħalla ħafna f'idejn Marija (qalb ta' omm lejn uliedha, ħniena....) jippretendi iżjed minnha! U Marija ma tistax ma tagħtix każ dak li Binha nnifsu qed jistenna mingħandha. M'għandiex din tkun għalina raġuni oħra biex nersqu iżjed lejha u nitolbuha? ♦

***Fil-ħarġa Nru 140 ta' Jannar-Marzu 2007, il-mibki isqof Mons Nikol Ġ. Cauchi, kiteb kummentarju teoloġiku ta' din it-talba.***

---

## *Awguri lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Joe Bonello OFM fl-okkażjoni tal-Ħatra tiegħu bħala Isqof fil-Honduras*



**F'isem il-Bord Editorjal**
**u l-qarrejja kollha tar-rivista**
**nifirħu lill-**
**E.T. Mons Joe Bonello OFM**
**li ġie maħtur bħala**
**Isqof koadjutur**
**tad-Djoċesi ta' Juticalpa**
**fil-Honduras**
**mill-Papa Benedittu XVI**
**fit-22 ta' Novembru 2010.**

*Nitolbu l-għajnuna tal-Madonna Ta' Pinu*
*biex tkun miegħu fit-twettiq*
*tal-ħidma ġdida tiegħu*
*f'din id-Djoċesi*



# Skola Marjana

minn John Formosa

## Il-Bandiera tal-Ewropa u l-Verġni Marija

Il-bandiera tal-Ewropa hija sempliċi ħafna imma b'sinjifikat kbir. Fuq lewn ikħal, hemm, f'forma ta' ċirku, tnax-il stilla bojod, li jfissru l-paċi u l-għaqda, żewġ finijiet prinċipali li għalihom twaqqfet l-Unjoni Ewropea.

Nhar il-5 ta' Mejju 1949, f'laqgħa li saret f'Londra, twieled il-"Kunsill tal-Ewropa", organiżmu bla ebda setgħat politiċi effettivi u inkarigat biss li jqiegħed il-pedamenti għall-kostituzzjoni ta' federazzjoni ewropea. Mill-ewwel qamet il-problema ta' bandiera li tkun komuni għal kulħadd.

Is-sena ta' wara, eżattament fl-1950, dan il-"Kunsill" nieda konkors ta' proposti, miftuħ għall-artisti kollha tal-Kontinent, biex jaslu ħalli jagħżlu bandiera għal Ewropa Magħquda futura.




Fost dawk li ressqu proposti tagħhom, pittur żagħżugħ jismu Arsène Heitz ippartecipa billi ressaq buzzett li kien ħafna sempliċi u oriġinali fl-istess ħin: tnax-l istilla bojod f'forma ta' ċirku fuq sfond ikħal.

Kif nibtet din l-idea? L-istess awtur, żmien wara, stqarr li hu kien devot kbir tal-Madonna u li kien jirreċita kuljum it-talba tar-Rużarju. Meta sar jaf bil-konkors imniedi mill-"Kunsill Ewropew" inzerta li kien qiegħed jaqra l-ħajja ta' Santa Katerina Labouré u, affaxxinat mir-rakkont tad-dehriet li l-Madonna għamlet lil din il-qaddisa, ried jikseb għalih u għal martu il-"Midalja Mirakoluża" li l-Verġni Marija, fid-dehra tagħha lilha fis-27 ta' Novembru 1830, talbet lill-qaddisa biex ixxerred fost il-bnedmin. F'din il-midalja huwa sab ix-xbieha ta' Marija fuq naħa, kif ukoll it-tnax-il stilla fuq in-naħa ta' wara, li laqtuh ħafna, tant li dawn spiċċaw fuq il-buzzett tiegħu għal Bandiera tal-Ewropa.

U x'ġara? Fost l-eluf ta' proposti li waslu, b'sorpriża għall-istess Arsène Heitz, li ħa sehem fil-konkors bla ebda pretensjoni li se jirbaħ, il-"Kunsill tal-Ewropa" għażel proprju il-buzzett tiegħu.

Tajjeb hawnhekk nagħmluha ċara li l-bniedem responsabbli mill-Kummissjoni li

kellha tagħmel l-għażla kien Lhudi: Paul M. G. Levy, Direttur tas-servizz tal-istampa u informazzjoni tal-"Kunsill tal-Ewropa''. Dan jikkonferma li l-għażla ma saretx għal raġunijiet konfessjonali, imma biss b'libertà ta' ġudizzju tal-Kummissjoni.

Mhux dan biss. Meta Arsène Heitz iddisinja t-tnax-l istilla fuq il-bandiera ewropea, l-iStati tal-"Kunsill'' ma kinux tnax. Xi ħadd dan osservah, imma intervjena Paul M. G. Levy biex jispjega li n-numru tnax jirrappreżenta simbolu ta' pjenezza, ħaġa sħiħa. U, infatti, meta l-iStati membri tal-Ewropa spiċċaw biex jaqbżu n-numru tnax, l-awtoritajiet kommunitarji qatgħuha uffiċjalment li l-għadd ta' stilel fil-bandiera kellu jitqies irriversabbli u ma jitbiddilx.

Imma hemm ħaġa oħra ta' ġmiel mhux komuni: il-bandiera kaħla biċ-ċirku ta' tnax-il stilla ġiet adottata uffiċjalment nhar it-8 ta' Diċembru 1955 - il-jum marjan per eċċellenza, jiġifieri l-jum li fih l-insara jfakkru it-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija, jew kif ħafna sejħulha l-festa tal-Immakulata.

San Ġorġ Preca kien iħobb jirrepeti li "qatt xejn fid-dinja ma jiġri addoċċ iżda kollox taħt il-ħarsa providenzjali ta' Alla.'' U l-qaddejja ta' Alla Benedetta Bianchi Porro, tfajla qaddisa tas-seklu 20, niżżlet fid-*Djarju* tagħha: "Kollox huwa *sinjal* għal min jemmen.''



U dak li tkellimna fuqu dwar il-bandiera tal-Ewropa forsi mhuwiex ukoll sinjal? Mhux sinjal ta' tbissima ta' Marija? Mhux messaġġ ta' mħabba u ta' protezzjoni?

"Nistqarr magħkom bl-ikbar sinċerità'', jgħid il-Kardinal Angelo Comastri li minn kitbietu l-aktar li nġabar dan it-tagħrif, "li dina l-'interferenza marjana' meraviljuża fl-istorja ewropea timlieni b'tama għall-futur tal-Ewropa tagħna ma' Marija u nistgħu nimxu b'passi żguri.'' ◆

(Miġbur l-aktar mill-kitba *La Madonna e l'Europa* li deher fir-rivista marjana ***Madre di Dio*** ta' Awwissu-Settembru 1998, paġna 3).



## L-Isbaħ xewqat lill-Qarrejja tagħna

***Ħa jiddi fuqek id-Dawl Divin***
***li twieled mill-Verġni Marija***
***fil-grotta ta' Betlehem***
***biex bħal Marija***
***int ukoll twassal***
***id-Dawl ta' Kristu Ġesu`***
***fil-qalb ta' ħutek il-bnedmin***

Ir-Rettur u s-Saċerdoti
tas-Santwarju
flimkien mal-Bord Editorjali



# Mill-Enċiklika "Omm il-Feddej"

minn Dun Gerard Buhagiar

Kienet is-Sena Marjana tal-1987, fil-25 ta' Marzu, li l-Papa Ġwanni Pawlu II ta lill-Knisja Kattolika waħda mill-isbaħ kitbiet tiegħu dwar il-Verġni Marija. Dan għamlu fl-Enċiklika *Redemptoris Mater*, jiġifieri **Omm il-Feddej**. F'din l-enċiklika ta' 52 paragrafu l-Qaddej ta' Alla Ġwanni Pawlu II jgħallimna kif il-Knisja u n-Nisrani għandhom iħarsu lejn l-Omm qaddisa ta' Alla. Fil-konklużjoni ta' din il-kitba huwa jagħżel li jitkellem ukoll dwar l-antifona *Alma Redemptoris Mater*.

Billi f'din il-ħarġa aħna wkoll qed nitkellmu dwar din l-antifona li l-Knisja ta' spiss tkanta fil-jiem tal-Avvent u tal-Milied, ser nagħtu ħarsa qasira lejn dak li jgħidilna l-qatt minsi Papa Ġwanni Pawlu II.

## Il-Misteru tal-Inkarnazzjoni jnissel "stagħġib"

L-antifona tispiċċa b'dan il-kliem: "b'għaġeb nissilt lil min ħalqek". Fil-paragrafu 51 il-Papa jgħidilna li meta l-bniedem jieqaf jaħseb fuq il-misteru ta' Marija bħala l-Omm ta' Alla, li seħħ meta l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna fil-ġuf tagħha, mill-ewwel għandu jimtela bl-għaġeb. F'dan il-paragrafu, filfatt, il-Papa jikkumenta dwar il-kelma **"b'għaġeb"** u jgħidilna: "Din il-kelma tal-antifona turi l-għaġeb tal-fidi'' u dan kollu jkompli jseħħ "fil-qalba tal-ħolqien kollu u, direttament, fil-qalba tal-poplu kollu ta' Alla, fil-qalba tal-Knisja''. Alla, li huwa Sid il-ħolqien kollu u dak li ħalaq lill-bniedem, fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni juri ruħu lill-bniedem u jersaq lejh! Quddiem dan kollu l-Papa nnifsu juri l-għaġeb tiegħu u jistqarr: "Kemm mar 'il quddiem Alla, il-ħallieq u s-Sid ta' kollox, biex **'juri lilu nnifsu' lill-bniedem! Kif għeleb b'mod hekk tal-għaġeb "il-bogħod" bla qies li kien jifred il-ħallieq mill-ħlejjaq tiegħu!** Jekk fih innifsu Alla jibqa' mhux magħruf u mhux mifhum, wisq aktar jibqa' mhux magħruf u mhux mifhum fil-verità tal-Inkarnazzjoni tal-Verb, li sar bniedem minn Marija Verġni''.

Il-Papa jkompli bir-riflessjoni tiegħu dwar il-kobor tal-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem. U dan għaliex, kif jistqarr hu, "'sa minn dejjem Alla ried isejjaħ il-bniedem biex ikollu sehem min-natura tiegħu ta' Alla' (ara 1 Piet 1:4); nistgħu ngħidu li ried minn qabel din id-'divinizzazzjoni' tal-bniedem''. Kemm hija qawwija din l-istqarrija! Alla sa minn dejjem

ried li huwa jkun mal-bniedem u li l-bniedem ikun ma' Alla: dan kien il-pjan ta' Alla għalina. Iżda ġara li minħabba d-dnub il-bniedem għażel li jwarrab lil Alla minn ħajtu u għalhekk tbiegħed minnu. Iżda minkejja dan kollu Alla ma jitlaqx lill-bniedem, iżda jibqa' jiġri warajh biex mill-ġdid iħabbu miegħu. Dan seħħ meta, kif jgħid il-Papa – u hawn jikkwota l-vanġelu ta' ġwanni –, "Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni'' (Ġw 3:16). Quddiem dan kollu l-bniedem ma jistax ma jistagħġibx! Dan huwa l-Misteru tal-Fidi tagħna. Iva, u f'dan l-istagħġib tal-fidi, anzi, fil-qalba "ta' dan il-misteru... **hemm Marija**. Bħala l-**Omm maħsuba tal-Feddej** kienet l-ewwel waħda li ġarrbet dan l-għaġeb. 'B'għaġeb nissilt lil min ħalqek'''. Anki Marija quddiem dan kollu mtliet b'għaġeb kbir. Marija tirrifletti u tgħożż f'qalbha dan ir-rigal kbir ta' Alla lill-bniedem.

Kos, hux, kif qed ngħixu dawn il-ġranet tal-Milied? Niġru minn ħanut għall-ieħor biex nixtru r-rigali, niċċelebraw fil-*parties* wieħed wara l-ieħor, minn ikla għall-oħra... u ħin biex nieqaf u "nistagħġeb'', nifraħ u niggosta r-rigal ta' Alla li huwa Ibnu m'għandix! Tgħid qed nitilfu s-sens veru tal-Milied? Jeħtieġ li ninżlu fil-fond tal-għeruq tagħna, jeħtieġ tassew li nifhmu xi tfisser li "jien Nisrani''! Quddiem dan kollu l-Verġni Marija tibqa' għalina gwida u għalliema tal-fidi.

## Il-bidla li l-Misteru tal-Inkarnazzjoni ġab

Fil-paragrafu 52 il-Papa jitkellem fuq il-bidla li seħħet fil-ħajja tal-bniedem minħabba li issa Alla sar bniedem. Il-Papa jgħidilna li għalkemm ma nafux il-jum li fih ser jiġi Kristu, fl-aħħar taż-żminijiet il-bniedem ihabbat wiċċu ma' bidla kontinwa. Hu jistqarr: "Hi bidla dejjem sejra u qatt ma tintemm bejn waqgħat u qawmien, bejn il-bniedem tad-dnub u l-bniedem tal-grazzja u l-ġustizzja''. Il-liturġija ta' żmien l-Avvent, kif jgħid il-Papa, tfakkarna sewwa f'din il-bidla, f'din it-tensjoni bejn "illum'' u "għada''. U għalhekk hija talba f'postha meta aħna nduru lejn il-Verġni Marija u nitolbuha: "ħarisna mill-waqgħa, kun magħna, għajnuna tal-poplu maħtur''.



U hawn il-Papa fi ftit kliem jurina fejn trid twassal il-vera devozzjoni Marjana, meta jikteb: "Din hi t-talba li qiegħda ssir lil Marija, 'l-Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej'; it-talba li **qed issir lil Kristu** li, permezz ta' Marija, daħal fil-ġrajja tal-bniedem''. Sena wara l-oħra l-antifona titlissen f'għieħ Marija hija u tfakkar il-mument li fih seħħet dik il-bidla essenzjali u storika li hi dejjem sejra mingħajr ma qatt terġa' lura: il-bidla mill-"waqgħa'' għall-"qawmien''. Hawn jidher ċar li d-devozzjoni u l-imħabba vera Marjana ma jistgħu qatt jieqfu f'Marija iżda jwasslu u jsibu l-iskop tagħhom meta jaslu għand Kristu. Dan għaliex huwa Kristu l-awtur tal-fidwa u tas-salvazzjoni tagħna.

Anki l-bniedem matul l-istorja għamel skoperti kbar tassew, iżda din il-bidla "oriġinali'' fil-bniedem tibqa' tgħodd għall-bnedmin kollha. U għalhekk huwa jfakkarna li din hi **"l-bidla mill-'waqgħa' għall-'qawmien', mill-mewt għall-ħajja**. Hi wkoll sfida dejjem sejra għall-kuxjenza tal-popli, sfida għall-bniedem fil-ġrajja kollha tiegħu; sfida biex ifittex it-triq ħalli 'ma jaqax' f'mogħdijiet dejjem qodma u dejjem ġodda, u sfida biex iqum mill-'waqgħa' jekk ikun waqa'''. Kemm huwa kliem ta' kuraġġ! Il-bniedem iġarrab ħafna waqgħat, iżda

dawn ma għandhomx jaqtgħu qalb il-bniedem, anzi kull waqgħa trid isservi għall-bniedem bħala sfida biex iqum u jkompli l-mixja tiegħu ma' Kristu.

Huwa jagħlaq l-enċiklika Marjana tiegħu meta jgħidilna li l-Knisja kull meta tħares lejn Marija tara fiha l-missjoni tagħha stess. Bħalma Marija hija qrib ta' kull bniedem, bħalma kull omm hija lesta biex tgħin u tħares lil uliedha fil-problemi tagħhom, hekk ukoll il-Knisja. "Għaliex kif tixhed din it-talba, il-Knisja f'Marija tara l-Omm qaddisa ta' Alla fil-misteru salvifiku ta' Kristu u fil misteru tagħha stess. Hi tara lil Marija b'għeruq fil-fond tal-ġrajja tal-bniedmin, fis-sejħa ta' dejjem tal-bniedem skond il-pjan providenzjali li Alla għamel għall-bniedem sa minn dejjem ta' dejjem. Hi tara lil Marija preżenti bħala omm tissieħeb fil-ħafna problemi kkumplikati li llum qed iġarrbu f'ħajjithom l-individwi, il-familji u n-nazzjonijiet; taraha tgħin lill-poplu Nisrani fit-taqbida dejjem sejra bejn it-tajjeb u l-ħażin, biex tara 'li ma jaqax', u, jekk jaqa', 'iqum mill-ġdid'".

Kemm huma f'posthom il-kelmiet ta' din l-antifona, meta b'ħarsitna lejn Marija aħna nitolbuha u ngħidulha: **"ħarisna mill-waqgħa, kun magħna"**. Iva, għandna bżonn l-għajnuna ta' Marija biex ma naqgħux, għaliex aħna dgħajfa, u fl-istess ħin għandna bżonn l-għajnuna tal-Knisja Ommna biex tgħinna nqumu u permezz tat-tagħlim tagħha tiftħilna għajnejna biex ma naqgħux fit-tiġrib. Forsi l-akbar dnub tal-bniedem tal-lum huwa l-individwaliżmu, meta hu jaħseb li jaf kollox, meta jaħseb li huwa f'saħħtu, meta jaħseb li mhux sejjer jaqa', u minħabba f'din il-preżunzjoni tiegħu ma jħallix lill-Knisja Omm tmexxih.

Żomm f'qalbek dan it-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II biex kull meta tlissen din l-antifona qalbek timtela bit-tama u tiġġedded fil-fidi tiegħek.♦





# Marija fil-Mużika

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

Kien verament jixraq li l-ħarġa ta' din ir-rivista 'Il-Madonna ta' Pinu' għax-xahar ta' Diċembru tittratta l-Antifona Marjana bl-isem 'Alma Redemptoris Mater'. Din l-Antifona hija assoċjata ħafna mal-istaġuni liturġiċi tal-Avvent u l-Milied. Hija ġiet miktuba mill-poeta Hermannus Contractus li twieled fi Swabia fit-18 ta' Frar 1013 u miet f'Reichenau, Lake Constance, nhar il-21 ta' Settembru 1054. L-ewwel riferenza għal din l-innu nsibuha f''The Prioress' Tale' fl-istejjer fittizji ta' Canterbury miktubin mill-awtur Chaucer. Dan il-fatt jivverifika u jikkonferma l-popularita' ta' din l-Antifona tal-Madonna fl-Ingilterra qabel il-wasla tar-Re Enriku VIII. Oriġinarjament, l-'Alma Redemptoris Mater' kienet tiġi reċitata bħala waħda mill-antifoni fis-salmi tat-Talba ta' Nofs il-Jum fis-SolennitaĪ tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija (15 ta' Awwissu). Kien il-Papa Klement VI li fl-1350 daħħalha fil-Kumpieta li hija t-Talba ta' Egħluq il-Jum. Wara dan iż-żmien, din it-talba kienet tiġi reċitata biss bejn l-Ewwel Għasar tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent sal-Għasar tal-Festa tal-Purifikazzjoni tal-Madonna, jew kif nafuha aħjar, il-Festa tal-Preżentazzjoni ta' ĠesuĪ fit-Tempju li tiġi ċċelebrata fit-2 ta' Frar. Bir-reviżjoni fil-Liturġija tas-Sigħat, din it-talba tista' tiġi reċitata f'kull żmien tas-sena, skont l-għażla ta' min ikun qed jitlob permezz tas-salmi.

F'dan l-artiklu, ser nagħtu ħarsa lejn xi kompożituri u mużiċisti li ġew imnebbħa mill-kliem ta' din l-Antifona u kitbu diversi melodiji biex permezz tagħhom jagħtu tifħir lill-Verġni Marija, Omm Alla. Huwa stmat li jeżistu madwar ħmistax-il elf (15,000) innu dedikat lill-Madonna. Il-maġġoranza ta' dawn l-innijiet (11,000) huma bbażati fuq poeżiji li ġew miktuba matul is-snin filwaqt li l-bqija (4,000) huma kompożizzjonijiet oriġinali. ħafna minn dawn l-innijiet ġew miktuba bil-lingwa Latina li għal sekli sħaħ kienet il-lingwa uffiċjali tal-Knisja Kattolika Rumana u kienu jitkantaw fuq l-istil Gregorjan li kien ukoll l-istil uffiċjali ta' kant li kellha l-Knisja. Ta' min jgħid li l-istil Gregorjan huwa l-aktar stil sempliċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' kant. Dan jesieġi li l-kant isir biss minn Kor maskili mingħajr ebda akkumpanjament ta' strumenti mużikali – din it-teknika tissejjaħ *plainchant*. Diversi innijiet u antifoni liturġiċi kienu oriġinarjament miktuba f'dan l-istil mexxej. Jeżisti ktieb imsejjaħ *Liber Usualis* li huwa ġabra ta' dawn l-innijiet miktuba bin-notazzjoni Gregorjana. L-aktar Quddiesa Gregorjana popolari mal-kongregazzjoni lokali hija l-*Missa De Angelis*. Bil-għan li joħolqu kuntrast bejn il-kant b'vuċi waħda u l-polifonija (jiġifieri kant b'ħafna vuċijiet), diversi kompożituri qegħdin jalternaw din il-Quddiesa – il-parti polifonika titkanta mill-Kor filwaqt li l-parti tal-Gregorjan titkanta mill-miġemgħa preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Fil-bidu, l-aktar innijiet li ġew mitkuba kienu dawk li jagħtu unur, ġieħ u glorja lill-Misteru

tal-Inkarnazzjoni. L-innu 'Alma Redemptoris Mater' huwa eżempju mill-aktar ċar ta' dan li qed ngħid.

Ta' min jgħid li din l-Antifona hija waħda mill-erba' Antifona kbar li għandha l-Liturġija biex bihom tagħti ġieħ lill-Verġni Marija. Dawn huma l-'Alma Redemptoris Mater', l-'Ave Regina Coelorum', ir-'Regina Coeli' u s-'Salve Regina'. ħafna kompożituri bdew jiktbu l-mużika għal dawn l-erba' antifoni u mbagħad jiġbruhom flimkien bħala grupp wieħed minħabba r-relazzjoni li hemm bejniethom. Fil-Barokk (snin 1600-1750), is-*setting* mużikali ta' dawn l-antifoni beda jaqleb minn stil *plainchant* għal stil aktar elaborat. Mal-medda tas-sekli, il-mużika għamlet progressi kbar biex saret aktar kumplikata bl-introduzzjoni ta' korijiet b'ħafna vuċijiet, orkestri kbar b'diversi strumenti eċċ. Hawnhekk bdiet tidher aktar il-ħila tal-kompożituri f'diversi tekniki partikolari fosthom fl-orkestrazzjoni ta' biċċiet mużikali, l-użu tal-kontrapunt, l-armonizzazzjoni u tant punti oħrajn li jiġu studjati fid-dettall minn studenti tal-mużika f'livell avvanzat.



Bodleian Library MS. Arch. Selden B. 26, fol. 13v

Għall-informazzjoni tagħkom il-qarrejja, ser nagħti tagħrif dwar xi kompożizzjonijiet li jeżistu tal-Antifona 'Alma Redemptoris Mater':

- Il-kompożitur Tomás Luis de Victoria (1548-1611) għandu żewġ arranġament ta' dan l-innu; wieħed bi tmien vuċijiet (SATB.SATB) u l-ieħor b'ħames vuċijiet. Dawn huma miktubin fuq l-istil Rinaxximentali;
- Lorenzo Perosi (1872-1956), li huwa kompożitur ċelebri, għandu arranġament miktub għal vuċi waħda bl-akkumpanjament tal-orgni; din il-kompożizzjoni ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1897;
- Giovanni Felice Sances (c.1600-1679) għandu ġabra ta' antifoni u litaniji Marjani fosthom l-'Alma Redemptoris Mater' miktuba għal vuċi waħda bl-akkumpanjament ta' żewġ vjolini u *harpsichord*; din il-kompożizzjoni ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1640 u hija miktuba fuq l-istil Barokk;
- Giovanni Legrenzi (1626-1690) għandu wkoll ġabra ta' innijiet liturġiċi fosthom l-Antifona Marjana li dwarha qed nitkellmu f'dan l-artiklu. Din il-kompożizzjoni mużikali hija miktuba għal żewġ vuċijiet akkumpanjati minn *harpsichord*, ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1683, hija miktuba bl-istil Barokk u ġiet dedikata lil Gerolamo Simonetta;
- Il-kompożitur Guillaume Dufay (c.1397-1474) għandu ġabra ta' tnax-il innu liturġiku u sekulari fosthom l-'Alma Redemptoris Mater' miktuba għal tliet vuċijiet fuq l-istil Rinaxximentali;
- Il-kompożitur magħruf Giovanni PierLuigi da Palestrina (1525-1594) għandu wkoll 'Alma' sabiħa li tinsab miġbura fis-sett ta' motetti sagri li huwa ikkompona; dawn il-motetti ġew ippubblikati oriġinarjament fl-1563 peroĭ, minħabba domanda qawwija għalihom, reġgħu ġew stampati fl-1590 u aktar tard fl-1604. Palestrina ħalla impatt qawwi ħafna fuq il-mużika li tindaqq u/jew titkanta fil-Liturġija. Il-mod kif ġiet użata




l-polifonija f'din l-Antifona Marjana huwa l-mod uniku li bih kien jikteb dan il-kompożitur li ġie mfaħħar bħala l-pijunier tal-espressjoni mużikali reliġjuża wara l-Konċilju ta' Trentu. B'rabta ma' din l-Antifona, huwa kiteb ukoll il-'Missa Alma Redemptoris Mater' li tikkonsisti f'Kyrie, Gloria, Credo, Sanctus u Agnus Dei għal sitt vuċijiet;

- Johannes Ockeghem (1410-1497) għandu wkoll 'Alma' miktuba għal erba' vuċijiet *a cappella*, jiġifieri li l-kant ma jkunx akkumpanjat mill-istrumenti mużikali;

- Chiara Margarita Cozzolani (1602-1678) wkoll għamlet mużika għal din l-Antifona;

- Il-kompożitur Orlando di Lasso (1532-1594) ikkompona mużika għall-'Alma Redemptoris Mater' li ġiet miktuba għal sitt vuċijiet bl-akkumpanjament ta' strumenti tar-ram. L-effett li rnexxielu joħloq b'dawn l-istrumenti u l-fatt li l-mużika hija miktuba għal sitt vuċijiet tagħti karattru trijunfanti lil din l-Antifona b'tifħir lill-Verġni Mbierka;

- Insibu wkoll kompożizzjoni tal-'Alma' miktuba minn John Dunstaple (1390-1453). Dan kien kompożitur Ingliż li ħadem ħafna fuq mużika polifonika fi tmiem l-era medjevali u l-bidu tar-Rinaxximent. Kien wieħed mill-aktar mużiċisti magħrufa u attivi fis-seklu ħmistax b'influwenza qawwija mhux biss fl-Ingilterra iżda mal-kontinent Ewropew kollu. Minbarra l-Antifona Marjana 'Alma', Dunstaple ikkompona wkoll diversi innijiet reliġjużi oħra fosthom 'Ascendit Christus', 'Beata dei Genitrix', 'Crux fidelis', 'O Crux gloriosa', 'Speciosa facta est' u tant oħrajn;

- Pierre Moulu (1484-1550) ikkompona wkoll 'Missa Alma Redemptoris Mater' li hija ikkunsidrata bħala l-kapovalur mużikali tiegħu għall-mod kif uża l-polifonija biex ħoloq armonija mill-aqwa. Quddiesa oħra li baqa' magħruf għaliha hija l-'Missa Missus est Gabriel Angelus';

- Franz Xaver Schnizer ħallielna wkoll 'Alma' miktuba għal erba' vuċijiet, *horn*, żewġ vjolini, vjolinċell u orgni;

(ikompli f'paġna 25)



# Tislima lill-Isqof

## li kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu

# Qaddej ta' Marija... bi kliemu u b'għemilu



minn
Dun Gerard Buhagiar
rettur u editur tar-rivista





L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu. Din l-imħabba ma baqgħetx moħbija iżda ħarġet fil-beraħ. Niftakru jgħid li l-imħabba tagħna lejn Ommna Marija trid twassalna biex:

- nersqu fi ħdanha nfaħħruha, nitolbuha u nirringrazzjawha,
- nitgħallmu u nistudjaw kemm nistgħu dwarha,
- nitkellmu dwarha, u
- fuq kollox nimitaw il-virtujiet tagħha.

Dan għamlu kemm felaħ Mons. Cauchi, u forsi virtù sabiħa li hu tgħallem minn għand Ommu tas-Sema kienet l-umiltà. Huwa stess stqarr li l-"iva" tiegħu lill-Mulej biex isir saċerdot kien qalha fis-skiet tal-kappella tal-Madonna Ta' Pinu. L-istedina tagħha, "Ejja, ejja...", laqagħha mill-qalb, għaliex kemm dam fostna ta' kull ġimgħa kien iżurha u fis-skiet jinxteħet jitlob u jitkellem magħha. Dan għalih kien ta' pjaċir mill-aqwa: "Inħoss li dan is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu huwa l-knisja tiegħi", hekk qalli jum wieħed wara li spiċċa t-talb tiegħu. Ix-xewqa tiegħu kienet li kemm jista' jagħti s-servizz tiegħu fis-Santwarju tal-Madonna. Infatti hekk kif spiċċa minn Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex kien jiċċelebra diversi funzjonijiet liturġiċi fosthom dawk tal-Milied u tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-Santwarju Ta' Pinu. Ma' dawn ta' min jgħid li mhux darba jew tnejn kien jiġi u joqgħod fil-konfessjonarju biex jamministra s-sagrament tal-qrar. Kien jgħidli "meta jkoll bżonn xi ħaġa għidli anke jonqsok xi konfessur

jgħidli, niġi jien għaliex saċerdot li ma jamministrax is-sagrament tal-qrar jista' jisejjaħ nofs saċerdot''. U minn dan il-kliem toħroġ ċara l-imħabba kbira li huwa kellu lejn is-sagrament tal-qrar. Hu kien jemmen li l-akbar mirakoli li l-Madonna Ta' Pinu twettaq ma' uliedha huma l-konverżjonijiet tal-midimbin u li dawn iseħħu fil-konfessjonarju.



L-Isqof Nikol jibqa' magħruf għall-kitbiet u għad-diskorsi tiegħu fuq il-mezzi tax-xandir, partikularment fuq ir-radju. Ta' kull ġimgħa kien jiġi fl-istudjows tas-Santwarju Ta' Pinu biex minn hemm iwassal il-programm tiegħu fuq *Radju Marija*, u kull programm kien jispiċċa dejjem bit-tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tal-Verġni Mbierka dam fil-qabar. Huwa xerred kemm felaħ din id-devozzjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Kien bniedem li jilqa' lil kulħadd u jitkellem ma' kulħadd, u qatt ma naqas li jitkellem, jippriedka u jgħallem dwar l-Omm Qaddisa ta' Alla.

Ngħid għalija, dawn l-erba' punti li ħallielna l-Isqof Cauchi huma wkoll programm ta' ħajja! Dan hu wkoll l-għan tar-rivista tagħna. Ejjew naħdmu aktar biex din ir-rivista tkompli tidħol fid-djar tagħna u tkun mezz ta' tagħlim dwar il-Verġni Marija, ħalli hekk tkompli tikber u tissaħħaħ l-imħabba u l-qima tagħna lejn il-Madonna Ta' Pinu.♦



# L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi fi ħdan il-Madonna Ta' Pinu...























# IL-KONTRIBUT TA' MONS ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI FIR-RIVISTA "MADONNA TA' PINU"

*minn*
*Dun Michael Galea*

Fil-bullettin tal-Ħadd 21 ta' Novembru 2010 li għadda, f'tislima lill-mibki E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, jiena semmejt l-imħabba kbira li kellu f'qalbu lejn il-Madonna tal-Għawdxin u l-Maltin kollha. Dan kien jurieh b'diversi modi, fost l-oħrajn billi jikkontribwixxi regolarment bil-kitba fir-Rivista "Madonna Ta' Pinu". F'dan l-artiklu qasir se nitkellem fuq dan is-sehem tiegħu, u se nillimita ruħi għall-ħarġiet ta' bejn is-sena 2002 u s-sena 2010. Qabel is-sena 2002 kien digaÏ jikteb fir-rivista, peroÏ l-2002 kienet is-sena li fiha bdejt ir-rettorat tiegħi fis-Santwarju Ta' Pinu, u jien għaddejt ix-xogħol kollu tar-rivista f'idejn Dun Gerard Buhagiar, ir-rettur preżenti tas-Santwarju. Minn dak inhar 'l hawn, ir-rivista bdiet toħrog kull tliet xhur u ħadet libsa gdida, monografika u mżewqa b'ritratti, ħafna minnhom oriġinali, u bil-kulur. Qabel ma nibda nitkellem fuq is-suġġett assenjat lili, f'isem ir-rettur nixtieq ngħid grazzi u prosit lil Joseph Xuereb, li b'dedikazzjoni u flimkien ma' Dun Gerard, beda jieħu ħsieb il-*layout* attraenti tar-rivista.

Nibda biex ngħid li preċedentement, taħt ir-rettorat ta' Mons Beneditt Camilleri, l-Isqof Cauchi kien kiteb żewġ kotba, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż dwar il-ġrajjiet u l-personaġġi marbutin mas-Santwarju Ta' Pinu. Dak bil-Malti kien jismu: "Is-Santwarju Ta' Pinu, Ċentru ta' Pellegrinaġġi" u dak bl-Ingliż: *"The Shrine of the Blessed Virgin Ta' Pinu."* Meta wasalt jien, sibt li l-librett bl-Ingliż kien *out of stock* u dak bil-Malti kien wasal biex jispiċċa wkoll. Għalhekk iddeċidejna ma' l-Isqof Cauchi li nibdew b'dak ta' l-Ingliż. Kien hemm bżonn jirrevedieh u jżid miegħu ġrajjiet li seħħew wara l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel edizzjoni, bħal ngħidu aħna l-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Ta' Pinu u l-ftuħ ta' fergħa ta' Radju Marija fil-*complex* Ta' Pinu. Din ir-reviżjoni u dan l-aġġornament tal-librett bl-Ingliż saru f'sensiela ta' tlettax-il artiklu, li bdew mill-ewwel ħarġa tas-sena 2002 u spiċċaw fl-ewwel ħarġa tas-sena 2005. Ilum dawn l-artikli jinsabu ppubblikati f'librett jismu: *"Ta Pinu Shrine. The Pilgrim's Haven."* Hemm il-ħsieb li dal-librett jiġi tradott għall-Malti.




Mill-ewwel ħarġa tas-sena 2004 beda sensiela ta' artkli qosra jisimhom: "Ċelebrazzjonijiet Marjani u ħidmiet pastorali." F'dawn l-artikli qosra kien jgħid xi ħaġa fuq il-festa marjana li nkunu qegħin nittrattaw f'dik il-ħarġa partikulari u jissuġerixxi xi noti pastorali. Per eżempju meta tkellimna fuq il-**Madonna ta' Lourdes**, rabat il-qima lejn il-Madonna ta' Lourdes mal-qima Ewkaristika li għandha prominenza f'dal-post tal-Madonna. Semma wkoll l-amministrazzjoni tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. Fit-tieni ħarġa ta' dik is-sena, meta tkellimna fuq is-**Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu**, Mons Cauchi bħal antiċipa lill-Papa Benedittu XVI ghax qal li fis-santwarju tagħna, il-Madonna "turi ruħha bħala Sultana tal-familja." Isemmi b'mod partikulari l-affidament tat-trabi lill-Madonna Ta' Pinu u l-imħabba ta' l-emigranti lejn il-Madonna tagħna. Qal: dawn l-emigranti ħadu magħhom id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu kull fejn marru u ma jinsewx jiġu jżuruha meta jkunu fostna. Iktar tard, dik is-sena, tkellimna fuq il-**Madonna tal-Karmnu**. F'din il-ħarġa, l-Isqof tkellem fuq dawk li jxiddu fuqhom l-iskapular tal-Madonna

u qieshom bħala nies ikkonsagrati lil Marija. PeroÏ ma nesiex ifakkarna f'konsagrazzjoni iktar profonda, meta sirna ta' Kristu permezz tal-magħmudija. Dil-konsagrazzjoni, qalilna l-Isqof, titlob impenn u xhieda ta' ħajja nisranija. L-aħħar ħarġa tas-sena 2004 kienet iddedikata lill-**Madonna tar-Rużarju**. Mons Isqof ħa l-okkażjoni biex ikellimna fuq il-valur pastorali tat-talba tar-rużarju. Ir-rużarju huwa talba adattata għal kull kategorija ta' nsara, jista' jingħad kull ħin u kullimkien. Huwa talba li għandha l-approvazzjoni sħiħa tal-Knisja, talba kristoċentrika, talba li għandha tiġbor il-familja flimkien.



Bdejna s-sena 2005 b'ħarġa ddedikata lill-**Isem ta' Marija**. Wara li jfaħħar l-isem ta' Omnna Marija bil-kliem ta' diversi qaddisin, l-Isqof Cauchi jpoġġi sebgħu fuq pjaga gravi f'pajjiżna, il-pjaga tad-dagħa. Id-dagħa huwa dnub kbir, iġib saħta fuq min jgħidu u jiskandalizza lill-oħrajn. Tajjeb li jkollna kuraġġ inwissu bil-prudenza lil min jidgħi u ngħidu għalih talb ta' riparazzjoni. Il-ħarġa ta' wara kienet iddedikata lill-**Madonna ta' Fatima**. Mad-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima hemm marbuta l-konsagrazzjoni tad-dinja lill-Qalb Immakulata tagħha. Din id-devozzjoni mxiet, peroÏ jgħid l-Isqof, dil-konsagrazzjoni hija wisq iżjed minn formola jew talba li tiġi reċitata, imma mpenn serju ta' ħajja nisranija. It-tielet ħarġa tas-sena kienet iddedikata lit-**tifkira tal-Madonna tas-Sokkors**. L-Isqof jieħu spunt biex jitkellem dwar il-qima li għandu jkollna lejn il-Madonna. Hija dik li tmexxina lejn il-Feddej, hija s-sokkors u l-għajnuna tagħna għaliex taqbeż għalina quddiem Binha. Marbuta ma' din il-qima xterdet d-drawwa ta' l'hekk imsejħa "Novena Perpetwa tal-Madonna''. Fl-aħħar ħarġa għal din is-sena, fakkarna lill-**Madonna ta' Loreto**. L-Isqof jgħid li skond tradizzjoni qadima fis-Santwarju ta' Loreto hemm id-dar tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret. Għalhekk il-Madonna ta' Loreto hija ispiazzjoni għal dawk li jedukaw it-tfal u ż-żgħażagħ (għax ĠesuÏ trabba u għex f'din id-dar) u ispirazzjoni għall-erwieħ ikkonsagrati. Kien f'din id-dar li Marija qalet l-"iva'' tagħha lil Alla.





Mis-sena 2006, Mons Isqof Cauchi beda sensiela ta' artikli dwar tagħlim li nsibu f'talb u innijiet ta' tifħir lill-Verġni Marija li ntisġu matul is-snin. F'dawn l-artkli, bl-isem "**Sliem Għalik**'', l-Isqof ifisser l-Ave Marija; il-Magnificat (artiklu mifrux fuq tliet ħarġiet); l-Alma Redemptoris Mater; is-Sub tuum praesidium; is-Salve Regina; it-talba ta' Sant' Efrem, Sliem għalik, Omm ta' Kristu, Iben t'Alla Ħaj; it-talba ta' San Ildefonzu ta' Toledu, Marija, għajn ta' ħniena; it-talba ta' San Ġerman, Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna; it-talba ta' Teodotu, Marija, dawl u sbuħija tas-sema; it-talba ta' San Bernard lill-Madonna, mill-Paradiso (awtur Dante Alighieri); talba lill-Madonna ta' San Injazju ta' Lixandra; it-talba ta' San Fortunatu Venanzju, Marija, bieb tas-sema; it-talba ta' San Girgor ta' Nizza, it-Tislima ta' Gabrieli; it-talba ta' Modestu Patrijarka ta' Ġerusalem, Ġenna spiritwali kollha dija.



Meta tkellimt ma' Dun Renato Borg, l-ex segretarju tiegħu, qalli li l-artiklu għal din il-ħarġa li għandek f'idejk, kien għadu ma bdiehx. Żgur innotajt li ma waqaft fuq ebda talba mil-lista ta'





talbiet li ġbart. It-tagħlim li l-Isqof jislet minnhom huwa vast u ma kont nispiċċa qatt.

Nagħlaq. Bil-Latin hemm espressjoni li tgħid: *verba volant, scripta manent* , jiġifieri, il-kliem itir u l-miktub jibqa'. Ma rridx ngħid li dak mitkellem u mxandar mill-Isqof Nikol Cauchi tar mar-riħ, anzi min jaf kemm trawmu karattri, kemm nies qabdu t-triq it-tajba u kemm inizjattivi bdew fid-Djoċesi tagħna bil-kelma qawwija tiegħu, peroÏ fl-istess ħin irrid ngħid li dak li kiteb mhu se jintesa qatt għax imħażżeż bl-iswed fl-abjad! Eċċellenza, grazzi tat-tagħlim li wassaltilna permezz tal-kontribut tiegħek fir-Rivista "Madonna Ta' Pinu"! ♦



(ikompli minn paġna 16)

- Kompożituri oħra li ħallew mużika oriġinali għal din l-Antifona Marjana huma Josquin Desprez, Marc-Antoine Charpentier, Marco Mencoboni, Joseph Rheinberger, Francisco Guerrero, Johann Joseph Fux, Suriano u Lou Harrison;

- Tajjeb insemmu wkoll il-'Missa Alma Redemptoris Mater' ta' Leonel Power (c.1370-1445);

- Barra minn dawn, hemm innu tal-offertorju li huwa ibbażat fuq din l-Antifona. Dan l-innu qasir, strumentat għall-orgni, inkiteb mill-kompożitur Joseph Jongen fl-1911 u ġie ppubblikat għall-ewwel darba sena wara, jiġifieri fl-1912. Jongen kiteb din is-silta mużikali b'dedika lil Abbé Joseph Joubert;

- Ta' min jagħmel riferenza wkoll għal kompożizzjoni tal-'Alma Redemptoris Mater' miktuba minn Mons. Marco Frisina li attwalament huwa d-Direttur Mużikali tal-Kor tad-Djoċesi ta' Ruma. Mons. Frisina huwa skular mużikali mill-aqwa u għandu diversi xogħlijiet sbieħ intiżi biex jintużaw fil-Liturġija. Interessanti ngħidu li f'Novembru 2010, dan is-saċerdot kien fuq żjara f'Għawdex biex jagħti irtir lill-presbiteri tad-Djoċesi tagħna;



- F'din il-lista' ta' kompożizzjonijiet mużikali, ma nixtieqx ninsa l-'Alma' miktuba mis-Surmast Mro. Nazzareno Refalo. Dan is-Surmast mix-Xagħra kiteb bosta innijiet sbieħ fosthom l-Antifona 'Alma Redemptoris Mater', miktuba bi stil mexxej u ħafif, b'vuċi waħda bl-akkumpanjament tal-orgni. Diversi parroċċi Għawdxin qegħdin jużaw din il-kompożizzjoni biex permezz tagħha jagħtu ġieħ lill-Verġni Marija fil-jiem tan-Novena tal-Milied.

Bħala regola ġenerali, il-kompożituri li kitbu arranġamenti fuq l-*Alma Redemptoris Mater* żammew il-karattru penitenzjali ta' Żmien l-Avvent u x-xewqa għall-miġja tal-Messija fix-xogħlijiet tagħhom. Id-dinja qed tistenna lil Marija biex tagħti t-twelid lix-Xemx tal-Ġustizzja. Fl-1987, il-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu II kiteb Enċiklika li semmieha *Redemptoris Mater* (Omm ir-Redentur). F'din l-enċiklika, il-Papa jikteb dwar il-pellegrinaġġ tal-fidi li għamlet il-Verġni Marija. Bħala konklużjoni tagħha, il-Papa Ġwanni Pawlu jikkwota din l-Antifona Marjana mill-aktar antika u jippreżentaha lill-insara għar-riflessjoni tagħhom fuq il-kobor u 'l-għaġeb tal-Fidi'!

Nittama li b'dan l-artiklu informattiv dwar din l-Antifona, nitgħallmu napprezzaw aktar din it-talba Marjana li tuża l Knisja, b'mod partikolari fi Żmien l-Avvent u l-Milied, biex tagħti ġieħ, unur u glorja lil Ommna Marija Santissima! ♦


***Riferenzi:***

* Pellegrino Santucci, *La Madonna nella Musica* (1983)

* Gerhard Gietmann, *Ecclesiastical Music* (1911)

* Zoe Kendrick Pyne, *Giovanni Pierluigi di Palestrina: his Life and times* (1922).



# Il-Kelma tal-Papa

## Bħal Marija jeħtieġ li nilqgħu lil Kristu

*Sejrin nagħtu ħarsa qasira lejn diversi diskorsi tal-Papa Beneditu XVI li huwa għamel qabel it-Talba tal-Anġelus. F'dawn id-diskorsi sejjrin nisiltu xi frazijiet tiegħu li jistgħu jkun ta' għajnuna għalina biex tikber dejjem aktar l-imħabba tagħna lejn il-Verġni Marija. Iżda fuq kollox id-devozzjoni Marjana tagħna ma tkunx vera jekk nonqsu li naħdmu biex insiru nixbhu lil Ommna tas-Sema.*

*L-Anġelus - 8 ta' Diċembru 2006*

### Il-Verġni MARIJA:

- laqgħet lil Kristu bil-Fidi
- u tatu lid-dinja bl-Imħabba.

Marija hija xbieha ħajja tal-Knisja u għalhekk din ukoll hija l-vokazzjoni u l-missjoni tal-**KNISJA**:

- li nilqgħu lil Kristu f'ħajjitna
- u nagħtuh lid-dinja sabiex id-dinja ssalva permezz tiegħu (Ġw 3. 17)

*L-Anġelus - 4 ta' Diċembru 2006*

### Il-Wiċċ tat-Tarbija

**Jalla Marija tgħinna:**

- biex fil-Wiċċ tat-Tarbija ta' Betlehem, mnissla fil-ġuf safi tagħha
- **nagħrfu** l-Feddej Divin li ġie fid-dinja biex jirrivelalna u jikxfilna il-Wiċċ awtentiku t'Alla.



*L-Anġelus - 1 ta' Jannar 2007*

## Marija quddiem il-Presepju

Il-Komunità Nisranija, li f'dawn il-jiem tal-Milied inxteħtet titlob u tadura lil Ġesù Tarbija quddiem il-presepju, **tħares illum b'imħabba** speċjali lejn il-**Verġni Marija.**

Il-Komunita' Nisranija tingħaqad ħaġa waħda ma' Marija filwaqt li tikkontempla lil Ġesù Bambin li għadu kemm twieled: imfisqi fil-faxex u mqiegħed f'maxtura.

**Bħal Marija, anki l-Knisja tieqaf fis-SKIET:**

- biex **tilqa'** u **tgħożż** l-ispirazzjonijiet divini ħerġin mill-qalb tal-Verb Divin magħmul Bniedem
- u biex ma **titlifx** is-sħana divina li ħierġa mill-preżenza Tiegħu.

Il-Knisja bħal Verġni Marija, ma tagħmilx ħaġa oħra ħlief:

- li **Turi** lil Ġesù, il-Feddej
- u fuq kull wieħed minna **jirrifletti id-DAWL ta' Wiċċu**, dija ta' Tjubija u Verità.





*L-Anġelus - 7 ta' Awwissu 2005*

## Marija tgħallimna naduraw lil Kristu

- Min jista' jakkumpanjana fil-mixja lejn il-qdusija aħjar minn Marija?
- Min jista' jgħallimna naduraw lil Kristu aħjar minn Marija?

Jalla Marija tgħin speċjalment – lit-tfal u żgħażagħ – tal-ġenerazzjoni ġdida:

- biex fil-**Wiċċ ta' Kristu jagħrfu l-Wiċċ veru t'Alla**
- u biex **Iqimuh, Jħobbuh** u **Jaqduh** b'dedikazzjoni sħiħa.





# Alma Redemptoris Mater

Rev. Emanuel Magro

***Loving mother of the Redeemer,***
***gate of heaven, star of the sea,***
***assist your people who have fallen yet strive to rise again.***
***To the wonderment of nature you bore your Creator,***
***Yet remained a virgin after as before.***
***You who received Gabriel's joyful greeting,***
***have pity on us poor sinners.***

Already sung by the twelfth century, this antiphon to Mary provides a powerful meditation that is highly appropriate to the Advent season. Like other antiphons dedicated to Mary, this antiphon addresses Mary under a variety of titles: mother, gate of heaven, star of the sea, virgin. All these titles are given to Mary "to the wonderment of nature.'' Mary deserves these titles, because she remained a virgin and yet she became the mother of her own Creator! What can befuddle more the human mind than such a statement that a virgin retains her virginity and at the same time becomes a mother? What puzzles more human intelligence and logic than the claim that a creature becomes the mother of her own Creator?

As one stands in awe in the presence of Mary, one cannot ignore her particular motherhood. Her willingness to accept "Gabriel's joyful greeting'' meant that she carries in her womb God's own son. "To the wonderment of nature'' through his gestation in her womb she bestowed on him a nature that He did not have before and that He will retain in a glorified way for ever. His full presence in her body and life transformed her totally and through her the whole human race. Yes, she truly is the Mother of the redeemed. Yes, she truly is "gate of heaven.'' Through her salvation and redemption became a reality. Humanity is no longer the same. It regained its original holiness, its original dignity, its original destiny.

Through the incarnation of his Son, God wants to encounter all humans and accompany them on their journey toward the fullness of their lives, the beatific vision. Mary has already walked this path of holiness and wholeness. She "received Gabriel's greetings.'' She accepted them with joy trusting that God will show her the way. She lived her calling to be the Mother of the Saviour, rejoicing at his birth, wondering and pondering at his ministry, suffering at his death, and exulting at his resurrection. She experienced the darkness and brightness of faith. Now in heaven in the presence of the Most Holy Trinity she enjoys the fruit of her Son's resurrection. She lived her life. She has been awarded the crown of faith.

As Virgin-Mother of the Redeemer, she is a beacon of light to all the disciples of her Son. She knows first-hand the perils, the dangers, the doubts, the inducements, that we face. Endowed by the gift of the Holy Spirit who descended on her at Gabriel's greetings, she overcame all the difficulties and temptations that she encountered. Her trusting faith in God is an inspiration to us to continue struggling on our journey of discipleship. She knows how fragile our lives could be; how weak we feel and act in face of adversities, how easily we succumb to a sense of fear and helplessness. Her heart aches with ours, as it had done with that of her Son. She assists us "who have fallen yet strive to rise again'' aided by the grace of God. She stands at our side, encouraging us to continue to say yes to God as she has done. She not only takes pity on us; she intercedes for us. She wants to be with her in heaven rejoicing in the glory of God.

Any swift glance at Mary reminds us of the three types of coming of her Son that we celebrate at each Advent season. She is the Virgin-Mother of the Redeemer. She reminds us of the mystery of the Incarnation, the first coming of Jesus, her Son. Her exemplary and edifying life is a constant reminder that God is always present in our lives, accompanying us in our journey of faith with the gift of the Holy Spirit. Her glorious assumption into heaven indicates to us not only the future that is awaiting us; but also the end of human history when her beloved Son will come again in glory to reconcile all things and all the universe in himself and present us as the new creation through the power of the Holy Spirit to God, our Father. Yes, to the wonderment of nature, we like Mary will share in the divinity of God without becoming gods.

Mary, most holy and pure Virgin-Mother, gate of heaven, star of the sea, pray for us always and assist us in our strivings as we yearn to join thee! ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## LULJU 2010

Matul ix-xahar ta' Lulju, komplew l-Erbgħat ta' devozzjoni bi tħejjija spiritwali għas-Solennità tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija. Il-Quddies kien iċċelebrat fil-5.00am, 6.00am, 7.00am, 8.30am u 9.00am. Bejn il-11.30am u l-5.30pm inżammet l-Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu. Filgħaxija, sar Quddies fil-5.30pm (bl-omelija u animata mill-Kor *Nativitas*), 6.30pm u 8pm. Fid-8.45pm ġie reċitat ir-Rużarju bil-kant immexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.



Waqt il-Kant tal-Litanija, saret Purċissjoni *aux flambaux* bil-Kwadru-replika tal-Madonna ta' Pinu. Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kull nhar ta' Erbgħa kienu jiġu fi tmiemhom bil-Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 1:** Dun Albert Brincat O. Carm. iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu b'ringrazzjament lil Alla u lill-Verġni Marija għad-don tal-ħajja fit-twelid tat-tarbija Federica bint Josef u Maria Pina Cardona.

Fl-istess ġurnata, tliet saċerdoti Maltin iċċelebraw l-Ewkaristija bħala radd

il-ħajr lil Alla f'għeluq it-tliet snin mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 2**: Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Christie Stellini. Iċ-ċelebrant kien il-Kan. Dun Brian Meilak, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir, Kerċem.

**Is-Sibt, 3**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla minn Fr. John Curmi u Fr. Nazzareno Tonna mill-Parroċċa taż-Żurrieq f'gheluq is-snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.

**Il-Ħamis, 8**: Fr Nathaniel Theuma iċċelebra l-Ewkaristija għad-dell tal-Kwadru mirakoluż tal-Madonna ta' Pinu bħala ringrazzjament lil Alla għad-don tas-Saċerdozju Ministerjali li rċieva għaxar snin ilu.

**L-Erbgħa, 14**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għat-twelid ta' Luke u Sophie Anastasi, ulied Chris u Veronique Anastasi. Fl-istess okkażjoni, dawn it-trabi ġew ippreżentati lill-Madonna ta' Pinu.

**It-Tnejn, 19**: Il-familji Borg u Psaila rringrazzjaw lil Alla għad-don tas-Sagrament taż-Żwieġ nisrani bejn il-koppja Daniel u Rachel Psaila.

**It-Tlieta, 20**: Is-saċerdoti novelli tal-Arċidjoċesi ta' Malta għamlu żjara lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u ċċelebraw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija għad-don tal-Ordinazzjoni Presbiterali. Is-saċerdoti huma Dun Noel Carmel Borg Sciberras (Birkirkara), Dun Stefan Galea (Naxxar), Dun Mark Ellul (Ħal- Qormi), Dun Blake Camilleri (Ħal-Balzan), Dun Marcandre Camilleri (Ħal-Lija) flimkien mal-moderatur tagħhom Dun Frans Abdilla.

**It-Tlieta, 27**: Dun Frankie Cini ċċelebra Quddiesa ta' radd il-Ħajr lill-Verġni Marija f'għeluq it-tmien snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**Is-Sibt, 31:** Mons. Alfred Xuereb, Segretarju tal-Papa Benedittu XVI iċċelebra quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Fil-quddiesa huwa tkellem dwar l-imħabba tal-Papa Benedittu XVI lejn il-familja u d-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu.



*Pellegrinaġġi:*

**Il-Ħamis, 1**: Il-Grupp 'Santa Monika' tal-Patrijiet Agostinjani ta' Ħal-Tarxien għamlu żjara fis-Santwarju u raddew ħajr lil Alla għall-attivitajiet kollha li saru matul is-sena soċjali 2009-2010.

**Is-Sibt, 3**: Pellegrinaġġ minn grupp ta' Ġermaniżi lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 8**: Grupp ta' persuni mill-Kanada u mill-Awstralja żaru lill-Verġni Marija fis-Santwarju Nazzjonali tagħha.

**Il-Ġimgħa, 9**: Il-Grupp 'Alfa' żar is-Santwarju u għadda mumenti ta' skiet fit-talb quddiem il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu.

**L-Erbgħa, 14**: Sar Pellegrinaġġ Parrokkjali mill-Parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Il-pellegrini ipparteċipaw fil-Quddiesa tas-6.30pm f'dan l-Erbgħa ta' Santa Marija. Iċċelebra l-Ewkaristija l-W.R. Dun Albert Buhagiar, Arċipriet tal-istess Parroċċa.

**Il-Ħamis, 15**: Grupp ta' 51 koperatur tas-SoċjetaÏ tal-MUSEUM għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu f'għeluq il-ħamsin anniversarju mill-bidu ta' din il-Fergħa tal-Koperaturi.

**Il-Ġimgħa, 16**: Saret żjara lis-Santwarju mill-grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal-Qormi. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom minn Dun Ewkaristiku Zammit.

**L-Erbgħa, 21**: Sar il-pellegrinaġġ annwali lejn is-Santwarju mill-Parroċċa ta' Marija Assunta f'Ħad-Dingli. Mexxa Dun Norman Zammit.

**Il-Ħamis, 22**: Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-Parroċċa ta' San Franġisk fl-Għoti tal-Pjagi, il-Qawra. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri George Attard OFM Konv.

**It-Tlieta, 27**: Pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Abbatini li jservi fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Qaddes il-Kappillan Dun Anton Galea Scanura.

**Il-Ħamis, 29**: Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' parruċċani mis-Santwarju ta' San Ġużepp Inkurunat fir-Rabat Malta bħala radd il-ħajr lil Alla għal tant grazzji li xerred fuq il-parroċċa tagħhom. Mexxa l-Provinċjal Patri Pawl Galea OFM.

Fl-istess ġurnata, sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa. Mexxa l-Kappillan Patri Pawl Bugeja OFM Cap.

**Is-Sibt, 31**: Il-familji Mizzi, Camilleri u Psaila żaru s-Santwarju u raddew ħajr lill-Madonna għall-grazzji kollha u għall-interċessjoni materna tagħha quddiem Binha ĠesuÏ.

## AWWISSU 2010:

**It-Tnejn, 2:** Il-marjologu ReneÏ Laurentin żar is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u ċċelebra quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa għandu 'l fuq minn 90 sena u matul din iż-żjara kien akkumpanjat minn Fr. Hayden OFM.



**Il-Ġimgħa, 6**: Patri Victor Paul Farrugia O. Carm. iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lill-Madonna ta' Pinu għad-don tas-Saċerdozju Ministerjali fl-ewwel anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.



**L-Erbgħa, 11**: Illum ġie iċċelebrat l-aħħar Erbgħa ta' Santa Marija. Fid-8.45pm saret ir-reċita tar-Rużarju mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech quddiem il-Kwadru mirakoluż tal-Madonna ta' Pinu. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna tant li huwa kkalkulat li 'l fuq minn 600 persuna attendiet għal dan ir-Rużarju b'meditazzjonijiet Marjani u akkumpanjat bil-kant. Waqt il-Litanija, saret purċissjoni solenni bil-kwadru-replika tal-Madonna ta' Pinu akkumpanjata bil-*flambaux*. Hekk kif il-Purċissjoni daħlet lura fis-Santwarju, Mons. Isqof għamel messaġġ qasir tal-okkażjoni



lill-familji miġbura u imbagħad ikkonsagrahom lill-Madonna ta' Pinu bħala SULTANA TAL-FAMILJA.

**Is-Sibt, 14:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Jana Said, bint Rodianne u Corey Said mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Iċċelebra l-Ewkaristija Mons. Salv Pace.

**Is-Sibt, 14: VĠILI SOLENNI TAL-GĦID TAL-ASSUNTA.**



Fit-8.15pm bdiet Velja Marjana ta' talb u kant fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju li kienet tinkludi qari ta' salmi tal-Knisja Orjentali, it-Tħabbira tal-Għid tal-Assunta u Konċelebrazzjoni Solenni ippreseduta mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech





bis-sehem ta' diversi saċerdoti Maltin u Għawdxin. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet animata minn elementi minn diversi korijiet Għawdxin akkumpanjati fuq l-orgni mill-organisti Ivan Attard (Xagħra) u Joel Azzopardi (Sannat). Bejn l-10.30 p.m. u 12.00 a.m. saret Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu li għalqet b'Quddiesa oħra f'nofs il-lejl.

**Il-Ħadd, 15:** Solennitaï Liturġika tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija, patruna speċjali tal-gżejjer Maltin u titular tas-Santwarju. Fil-5.00pm saret Konċċlebrazzjoni tal-festa li tmexxiet mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof *Emeritus* tad-Djoċesi tagħna b'messaġġ attwali għal din l-akbar festa tal-Madonna.

**Il-Ħamis, 19:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa b'talb speċjali għall-familji minn Patri Martin Coleiro OFM (Rabat Malta).

**It-Tnejn, 23**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Alfred Vella bis-sehem ta' grupp sabiħ ta' familji Maltin.

**Il-Ħamis, 26**: Dun Marc Andre Camilleri, Dun Ronnie Zammit u Dun Reuben Zammit iċċelebraw Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu b'ringrazzjament għall-Ordinazzjoni Presbiterali.

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tnejn, 2**: Saret Quddiesa ċċelebrata minn Fr. Albert Buhagiar, Arċipriet tas-Siġġiewi, u Fr. Dione Cutajar, Direttur tal-Abbatini, flimkien mal-grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa tas-Siġġiewi.

**It-Tlieta, 3**: Pellegrinaġġ minn grupp tal-abbatini Karmelitani tal-Parroċċa ta' Santa Venera.

**Il-Ħamis, 5**: Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-Parroċċa ta' Santa Venera. Iċċelebra l-Ewkaristija l-Kappillan Patri Raymond Calleja O. Carm.

**Il-Ġimgħa, 6**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Ewkaristiku Zammit mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi flimkien mal-Grupp tal-Abbatini tal-istess parroċċa.

**Is-Sibt, 7**: Grupp ta' persuni mill-Italja għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu.

**It-Tnejn, 9**: Grupp ta' għoxrin persuna mill-Ukranja flimkien mal-Kappillan tagħhom għamlu żjara lis-Santwarju u kellhom Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna.

**It-Tlieta, 10**: Saret żjara lis-Santwarju mill-grupp tal-abbatini tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Kappillan Patri Renald Loffreda, Karmelitan.

**It-Tnejn, 16**: Grupp ta' persuni li jiffurmaw l-'Opera Diocesana' fl-Italja għamlu żjara lill-Madonna ta' Pinu.

**It-Tlieta, 17**: Pellegrinaġġ mill-grupp tal-leaders taċ-Ċentru ŻAK tal-Parroċċa taż-Żurrieq. Iċċelebra l-Ewkaristija Dun Glenn Buhagiar.

**L-Erbgħa, 18**: Pellegrinaġġ minn grupp tal-Kor Parrokkjali tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u ieħor minn grupp ta' ħamsin persuna mill-Parroċċa ta' Marija Annunzjata f'Ħal-Tarxien.

**Il-Ħamis, 19**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla minn Patri Anton Farrugia OFM u Patri Charles Michael Grech OFM f'għeluq is-snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom f'pellegrinaġġ mill-Knisja ta' San Franġisk fil-Ħamrun.

**Is-Sibt, 21**: Grupp ta' parruċċani mill-Parroċċa ta' Santa Venera għamlu żjara lis-Santwarju u talbu quddiem il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu.

**It-Tlieta, 24**: Grupp mill-Parroċċa ta' Sant'Andrija f'Ħal-Luqa żar is-Santwarju u irringrazzja lill-Madonna ta' Pinu għall-erba' snin li l-Viċi Parroku Dun David Farrugia għadda fil-parroċċa tagħhom biex jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu. Mexxa dan il-pellegrinaġġ il-Kappillan Dun Karm Camilleri.

Fl-istess jum, ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Patri Michael Attard u Patri Mario Sant OFM Konv. għall-grupp tal-abbatini tal-Parroċċa ta' San Franġisk fl-Għoti tal-Pjagi fil-Qawra, Malta.

**L-Erbgħa, 25**: Pellegrinaġġ minn grupp ta' anzjani organizzat mill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex. Sar pellegrinaġġ ieħor minn grupp ta' anzjani mill-parroċċa tan-Nadur fejn kellhom Quddiesa ċċelebrata għalihom mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Jimmy Xerri.

Fl-istess ġurnata, Mons. Carmelo Gauci, sa dakinhar Arċipriet tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, iċċelebra Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu bħala għeluq tal-irtir għas-Sorijiet Agostinjani.

**Il-Ġimgħa, 27**: Pellegrinaġġ mill-membri l-kbar tal-Għaqda Vokazzjonijiet Karmelitani. Ġiet iċċelebrata Quddiesa b'talb għal aktar vokazzjonijiet reliġjużi.

**Il-Ħadd, 29**: Pellegrinaġġ mill-grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa ta' Marija Assunta fil-Mosta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom mill-Arċipriet Dun Mario Tong.

## SETTEMBRU 2010:

**L-Erbgħa, 1**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn grupp ta' erba' saċerdoti fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mill-Ordinazzjoni tagħhom. Dawn huma Patri Josef Sciberras O.S.A., Patri Adrian Attard O.C.D., Dun Mark Sultana u Dun John Muscat.

**It-Tlieta, 7**: Żewġ patrijiet Karmelitani ċċelebraw l-Ewkaristija fil-Kappella tal-Madonna ta' Pinu b'ringrazzjament lil Alla f'għeluq id-dsatax-il sena mill-Professjoni sempliċi tagħhom fl-Ordni Karmelitan.



**Il-Ġimgħa, 17**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa speċjali ta' radd il-ħajr lil Alla organizzata mis-SoċjetaÏ Missjunarja ta' San Pawl. F'din il-Quddiesa, ġew imfakkra tliet anniversarji importanti li huma l-anniversarju tal-mewt tal-fundatur tas-Soċjetà, is-Serv t'Alla Mons. Ġużeppi De Piro; għeluq tal-irtir annwali tal-Patrijiet ta' din is-Soċjetà u l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-istess Soċjetà.

**Is-Sibt, 18**: Ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Christopher Galea u Fiola Buttigieg. Iċ-ċelebrant kien il-W.R. Dun Michael Curmi assistit mill-W.R. Dun Joseph Curmi.

**It-Tnejn, 20**: Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Anastasia Cauchi, bint Omar u Victoria Cauchi mill-parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra. Iċċelebra l-Ewkaristija l-W.R. Dun Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju.




**L-Erbgħa 22**: Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla f'għeluq il-25 Anniversarju miż-Żwieġ tal-koppja Kenneth u Marisa Bartolo mill-parroċċa ta' Santa Luċija, Malta.

**Bejn l-Erbgħa 22 u l-Erbgħa 29 ta' Settembru**: F'dawn il-jiem, inżamm Seminar f'Santiago fi Spanja għar-Retturi tas-Santwarji Marjani kollha li hawn fid-dinja. Peress li s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu huwa klassifikat bħala wieħed mill-aktar Santwarji Marjani importanti li hawn fid-dinja, ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar kien preżenti fi Spanja



għal din il-Laqgħa Internazzjonali li fiha ġew diskussi diversi temi importanti marbuta mal kult Marjan fil Liturġija tal Knisja Kattolika Rumana.

*Pellegrinaġġi:*

**L-Erbgħa, 1**: Saret Quddiesa ta’ ringrazzjament waqt pellegrinaġġ lejn is-Santwarju organizzat mill-abbatini li jservu fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta’ Pompei f’Marsaxlokk. Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa tal-Madonna ta’ Loreto f’Għajnsielem.

**Il-Ħamis, 2**: Pellegrinaġġ minn grupp ta’ parruċċani mill-Parroċċa ta’ Marija Assunta f’Ħal-Għaxaq.

**Is-Sibt, 4**: Fr. John Muscat iċċelebra Quddiesa għall-membri tal-Fergħa Ewkaristika li ġew f’pellegrinaġġ lejn is-Santwarju.

**It-Tlieta, 7**: Grupp ta’ parruċċani mill-Iskozja żaru lill-Madonna ta’ Pinu.

**Il-Ġimgħa, 10**: Il-W.R. Kan. Dun Joseph Sultana mexxa Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna ta’ Pinu flimkien ma’ xi ex-parruċċani tal-Parroċċa tan-Natività f’Ruma.

**Is-Sibt, 11**: Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-Grupp Tiberja tal-Parroċċa ta’ San Pawl Nawfragu, Rabat Malta. Dan il-grupp janima l-Quddies iċċelebrat f’din il-Parroċċa.

**Il-Ħamis, 16**: Saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta’ nies li jattendu l-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa ta’ Marija Assunta fl-Imġarr, Malta.

**Il-Ħamis, 23**: Il-familja Sciberras żaret is-Santwarju u raddet ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija għall-grazzji kollha li ġew imsawba fuqha matul dawn is-snin ta’ ħajja miżżewġa.

**Is-Sibt, 25**: Ġie organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju minn membri tal-*Mission Fund Malta*. Huma ċċelebraw l-Ewkaristija b’talba għall-missjunarji Maltin u Għawdxin.

**Il-Ħamis, 30**: Numru ta’ residenti minn Dar Sawra fir-Rabat Malta żaru s-Santwarju u għaddew mumenti ta’ talb fis-skiet quddiem il-Kwadru mirakoluż tal Madonna ta’ Pinu.

**ĠEDDED *l-Abbonament għas-Sena 2011***

**fir-rivista “MADONNA TA’ PINU”**

***Rivista Marjana mis-Santwarju Ta’ Pinu***



- 4 darbiet fis-sena
- Artikli u tagħlim mill-isbaħ dwar il-Verġni Marija
- Aħbarijiet mis-Santwarju Ta’ Pinu
- Informazzjoni dwar Bolli Marjani
- Artikli bl-Ingliż

**Abbonament għas-sena 2010**

Lokali: •6.00 ♦ Ewropa: •14.00 ♦ Barra mill-Ewropa: •18.00

Sostenitur: **Offerta Libera**




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (L-10 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

**"Qaddis hu l-isem tiegħu: il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu"**

"Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena. B'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej" (Hos 2:21-22).

F'Marija, Eva l-ġdida, Alla jsebbaħ ismu, u għalhekk il-qdusija u l-ħniena tiegħu. U Marija tiġbor fiha l-għanjiet kollha ta' Israel f'isem Israel il-ġdid, il-poplu universali ta' Alla magħżul minn fost il-ġnus kollha; hi tgħanni t-tifħir ta' Alla li jgħarraf qdusitu bil-ħniena tiegħu. Hi tħabbar ukoll kif Alla, minhabba l-ħniena tiegħu, jiċħad lill-kburin, għalkemm ħsiebu hu dejjem li jsaffi lill-poplu tiegħu, biex juri maħfra li tfejjaq u jqaddsu. Marija tara qed titwettaq il-wegħda tal-Mulej: "Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti. Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi; le, ma nerġax inġib fix-xejn 'l Efrajm; għax Alla jien u mhux bniedem, jien f'nofsok il-Qaddis; jien ma niġix biex neqred" (Hos 11:8-9).

Lil Marija jingħatalha s-sens ta' Alla b'mod li jgħaġġeb. Fl-għanja ta' ħajjitha hemm tensjoni u armonija bejn il-biża' qaddis quddiem Alla kollu kemm hu qaddis u l-fiduċja fl-imħabba ħanina tiegħu. Marija, li hi mqaddsa minn Alla l-Qaddis sa mill-ewwel waqt ta' ħajjitha u



ġġarrab sat-tmiem il-preżenza li tqaddes ta' Alla, hi stess hi sinjal kbir tal-ħniena ta' Alla, li, minħabba f'Ġesù, ħarisha minn kull taħsir mir-rabta tad-dnub. Hi sinjal ta' qawwa spiritwali hemm fejn iż-żewġ esperjenzi reliġjużi, il-biża' ta' Alla u l-fiduċja u l-ferħ fil-ħniena tiegħu, huma b'saħħithom. Marija hi l-mudell tal-Knisja, il-mudell ta' dawk kollha li jemmnu. Il-Knisja ma tistax tkun qaddisa jekk ma tfaħħarx f'kull ħin il-maħfra u s-sabar ta' Alla li jfejjquha. Lanqas tista' tfaħħar il-ħniena li wera magħha Alla jekk ma turix ħniena mal-midinbin, il-foqra u l-imwarrba. Hemm

fejn il-Knisja timxi fuq il-passi ta' Marija, il-mudell tagħha, ħadd ma jista' jħossu bla tama. L-istess biża' ta' l-isem qaddis ta' Alla jħarisha minn dan it-tip ta' rigoriżmu.



Dawk il-legalisti li jissagrifikaw il-persuna umana għall-ittra tal-liġi, u li ma għandhomx ħniena għall-bnedmin li, għalkemm juru rieda tajba, isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet irregolari, ma jafux l-isem qaddis ta' Alla. Il-ħajja u l-għanja ta' Marija huma kummentarju fuq il-beatitudni "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Mt 5:7). Tabilħaqq li hi titfaħħar bħala "Omm il-ħniena". Hi l-omm ta' Dak li hu l-istess Ħniena inkarnata.

Aħna ġġustifikati u mqaddsa bil-ġustizzja u l-ħniena ta' Alla li ma jistħoqqulniex. Ħadd ma jista' jgħix f'din il-ġustizzja ġdida mingħajr ma jkun lest li jimxi wara Kristu fil-ġenerożità u l-ħniena tiegħu. Ġesù, ir-rikonċiljatur, jingħata ġieħ flimkien ma' Marija kull meta nħaddmu ma' l-oħrajn din il-maħfra li taf tfejjaq; jiġifieri meta f'kull okkażjoni l-bnedmin jaġixxu bħala ambaxxaturi tar-rikonċiljazzjoni u strumenti ta' paċi. Hekk, magħqudin fl-imħabba mimlija ħniena ta' Kristu, flimkien, ilkoll nistgħu nfaħħru l-isem qaddis ta' Ġesù.

*O Alla, kollok qaddis u kollok ħanin,*
*agħtina li dejjem nagħtu ġieħ lil ismek*
*b'biża' qaddis,*
*bil-fiduċja u l-ferħ.*
*Ħalli ħajjitna kollha tfaħħar il-ħniena*
*li int urejt magħna,*
*u li int tixtieq ukoll li turi ma' oħrajn*
*permezz tagħna.*
*Agħtina l-kuraġġ*
*li niġu wiċċ imb'wiċċ mal-miżerja tagħna*
*b'fidi profonda*
*li l-imħabba*
*qaddisa tiegħek*
*tista' tfejjaqna.*
*Xettel fina*
*memorja ta'*
*gratitudni*
*li ma tista' qatt*
*tinsa kemm*
*spiss*
*int urejt ħniena*
*magħna,*
*u li għalhekk*
*tagħmilna kapaċi*
*naħfru lil ħutna,*
*mhux biss*
*seba' darbiet,*
*imma sebgħa għal*
*sebgħa u sebgħin darba.*
*Agħmel minna vanġelu ħaj*
*tal-qdusija u l-ħniena tiegħek.*

*Ħajr, Marija, Omm ta' kull għajnuna.*
*Il-qdusija safja tiegħek*
*u l-umiltà sħiħa tiegħek*
*huma l-isfida l-kbira li għandna*
*li nħallu kull kburija u egoiżmu,*
*u nagħtu glorja lil Alla waħdu.*
*Ħajr li tfarraġna bl-għanja tiegħek*
*tal-ħniena ta' Alla,*
*u timbuttana biex nindenjaw immorru*
*f'dar Missierna*
*u nsejħulu "Missierna".*
*Itlob għalina biex ħajjitna kollha*
*tesprimi fiduċja ta' wlied*
*fil-Missier ħanin ta' kulħadd,*
*u biex fl-istess waqt qatt ma ninsew li*
*għalkemm jinsab fil-qrib,*
*huwa wkoll imbiegħed minna;*
*li hu l-Qaddis*
*u aħna, maħluqa u midinba,*
*nistgħu mmorru għandu biss*
*għax hu juri l-qdusija tiegħu fil-ħniena.*
*Amen.* ♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Lulju - Settembru 2010

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**Għawdex:** Agius Adeodato, Attard Francis, Attard Karmena, Axiaq Karmenu, Bajjada Maria Antonia, Bajjada Rita, Ballotti Ryan, Borg Carmen, Borg Karmena, Bugeja Tereża, Buttigieg Carmel, Buttigieg Eugenia, Buttigieg Joe, Buttigieg Marija, Buttigieg Pawla, Camilleri Maggie, Camilleri Margerita, Camilleri Mary Rose, Camilleri Rita, Caruana Mary, Cassar Francis, Cauchi Eugenio, Cauchi Maria Grezzja, Cauchi Maria, Cauchi Pawla, Cauchi (Fr.) Carmel Cini Mary, Cini Michael, Cutajar Patricia, Debrincat Johnny, Farrugia Maria, Farrugia Rita, Formosa Joe, Frendo M'Angela, Galea Ġorġa, Galea Lucy, Gatt Nina, Gauci Karmnu, Gauci Mary, Gauci Sam, Grech Anna, Grech Frances, Grech Peter Paul, Grech Rose, Grima Pauline, Hili A.M., Mercieca Josette, Mercieca Ramona, Micallef Emanuel, Micallef Leli Mizzi Ġużepp, Muscat Anġlu, Muscat Familja, Muscat Karmena, Muscat Koronata, Muscat Marija, Muscat Rose, Muscat Stella, Pace Ġużepp, Parnis Maria, Pisani Rosemarie, Piscopo Charles, Portelli Alfonzina, Portelli Familja, Portelli Jane, Portelli Violet, Rotin Marija, Saliba Josephine, Saliba Marija, Sammut Ġuża, Schembri John, Sciberras Fren', Spiteri Emanuel, Spiteri John, Sultana Ġemma, Sultana Franġiska, Sultana Rita, Sultana Victoria, Tabone Rita, Tabone Anna, Theuma Grezzia, Theuma Joe, Theuma Peter, Vella Ġorg, Vella Frances, Vella Rose, Verll Angelo, Xerri Frans, Xerri Liża, Xuereb Liża, Xuereb Mary Jane, Xuereb Ramona, Xuereb Rita, Zerafa Margaret, Zerafa Raymond, Josianne.

**Malta:** Abela Lora, Abela Mary Grace, Abela Paul, Abela Pawlu, Abela Rose, Abela Sabrina, Agius Carmelo, Agius Charlie, Agius Joseph, Agius Rita, Agius Ruth, Agius Ujane, Anastasi Familja, Anastasi Salvatore, Aquilina Iris, Aquilina Lawrence, Aquilina Sandra, Arrigo Robert, Attard Ċetta, Attard Antonia, Attard Elena, Attard Josephine, Axsisa Anthony, Azzopardi Francis, Azzopardi Joanne, Baldacchino Said Brian, Baldacchino Said Charmaine, Barbara Mariella, Bartolo Filippa, Bartolo Joyce, Bartolo Mary, Bartolo Renee, Bellotti Lucy, Belluzzi John, Bezzina Josephine, Bezzina Pauline, Bezzina Sunny, Bianchi Carmel, Bonanno Doris, Bonanno Familja, Bonello Ġia'inta, Bonello Carmel, Bonello Elaine, Bonello Reno & Maria, Bonnici Familja, Bonnici John, Bonnici Lilly, Bonnici Miguel, Borg Amanda, Borg C., Borg Carmen, Borg Connie, Borg Emily, Borg George, Borg Grace, Borg Josephine, Borg Maria, Borg M'Assunata, Borg Natasha, Borg Paul, Buchan Nazzarena, Bugeja Carmen, Bugeja George, Bugeja Jacquelene, Bugeja Patricia, Buhagiar Familja, Buhagiar Mrs., Buttigieg Marija, Cachia Karmena, Calleja Alfred, Callejja Antonia, Camenzuli Catherine, Camilleri Anġlu, Camilleri Doris, Camilleri Grace, Camilleri Grazziella, Camilleri Josette, Camilleri Marija, Camilleri Mary Grace, Camilleri Natalie, Camilleri Olivia, Camilleri Ritienne, Camilleri Tracy, Carabott Ġużepp, Carbone Lina, Cardona Albert, Caruana Damien, Caruana Daniela, Caruana Laura, Caruana Margaret, Cascun Tessie, Casha Alisa, Cassar Carmen, Cassar Charlie, Cassar Doris, Cassar Marlene, Cauchi Anġlu, Cauchi Carmelo, Cauchi Joelyn, Cauchi John, Cauchi Josette, Cefai Ġorġina, Chirchop Lina, Ciangura Carmen, Ciantar Carmen, Ciantar Connie, Ciantar Marija, Cilia Michael, Cilia Nina, Cini Doreen Cioffi Yendrick,Clifron Familja, Cortis Filippa, Cuschieri Rina, Cutajar Joe, Cutajar Marlene, Cutajar Rodrick, Cutajar Carmen, Debattista Kaste, Debattista Kathy, Debono Mary, Debono Rebecca, Deguara Antonio, Deguara Mark, Demanuele Martin, Dimech Maraya, Dimech Phyllis, Ellul Joanna, Ellul Marisa, Enriquez J.P., Fanciulli Ronnie, Farrugia Ċettina, Farrugia Charlene, Farrugia Clint, Farrugia Helen, Farrugia Irene, Farrugia Marija, Fava Joanne, Fava Josianne, Fenech Anthony, Fenech Mary Lourdes, Formosa Grazziella, Frendo Yvonne, Galea Annie, Galea Josephine, Galea Mary,Gatt Ċensina, Gatt Charles, Gatt Janica, Gatt Josephine, Gatt Josianne, Gatt Marija, Gauci Irene, Gauci Marija, Gauci Michael, Giordmania Pawla, Gollcher, Grech Anna, Grech Chantelle, Grech Helen, Grech Sunta, Grima Familja, Grima Jane, Grixti Ġużeppa, Grixti Charmaine, Grixti Mary, Haidon Josephine, Hili Carmen, Hili Marisa, Lia Vanna Mallia Anna, Mallia Charles, Mallia Claire, Mercieca Emanuel, Mercieca Jessie, Mercieca Terry, Micallef Ġamri, Micallef Annie, Micallef Evangelista, Micallef Mary Jane, Micallef Rita, Micallef Simone, Micallef Tereża, Micallef Therese, Micallef Victoria, Mifsud Anthony, Mifsud Denise, Mifsud Frieda, Mintoff Frans, Mizzi Louis, Mizzi Veronica, Muscat Andre, Muscat Carmen, Muscat Edward, Muscat Josephine, Muscat Marianne, Pace Audrey, Pace Josette, Pace Kirsten, Pace Mario, Picinino Rose, Pisani Richard, Piscopo Charlie, Portelli Mario, Portelli Rose, Poulton Bridgette, Psaila Antonia, Psaila Maria, Pullicino Francis, RAS, Riziott Marisa, Ruggier Mary, Sacco Amanda, Sacco Carmen, Said Doris, Sammujt Marija, Sammut Elizabeth, Sammut Vivianne, Sammut Carmelina, Sant Rita, Schembri Ġorġia, Schembri Charles, Sciberras Agnes, Sciberras Doris, Scicluna Emanuela, Spiteri Ġiovanna, Spiteri Anthony, Spiteri Denise, Spiteri Doreen, Spiteri Marina, Spiteri Mario & Emily, Sultana Familja, Sultana Marianne, Sultana Rose, Tabone Ġorġina, Tabone Joseph, Tabone Marlene, Tabone Milielina, Trakosopaulous Dina, Vassallo Familja, Vassallo Lillian, Vassallo Manwel, Vella Anthony, Vella Carla, Vella Doris, Vella John Fred, Vella Lillian, Vella Rindall, Vella Salvina, Vella Tony, Vella Victoria, Vella Carl, Xerri Gracy, Xerri Kathy, Xerri Rita, Xuereb Lilly, Zammit Carmela, Zammit Cecilia, Zammit Kathy, Zammit Mary, Zerafa Doris, Zerafa Maronia, Federica,

**Amerika:** Attard Josephine, Attard Marianne, Azzopardi Esther, Azzopardi Jane, Borg Anthony, Camilleri Denise, Cassar Margaret, Casuti Gorgina, Ciantar Julie, Cremona Lina, Farrugia Serafina, Formosa George, Formosa Joseph, Grech Frans, Grech John, Grech Marija, Hariri Al., Hili Charlie & Lucy, Hili Joseph, Mifsud Mr. & Mrs., Muscat Carmen, Muscat Josephine, Said Doris, Saliba Patricia, Tabone Rita & Joseph,

**Awstralja:** Apap Josephine, Aquilina Tereza & Laurie, Attard Anne, Attard Family, Attard Frank & Doris, Axiaq Maria, Azzopardi Marija Azzopardi T.,

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Lulju - Settembru 2010

**Għawdex:** Bonello Neil, Borg Simon, Buttigieg Isaac, Buttigieg Isabel, Cauchi Emma Lynn, Farrugia Sarea Mercieca Nathan, Sacco Alessia Stellini Christa,. Zahra Isia, Owen.

**Malta:** Abela Amy, Abela Andre, Abela Isaac, Abela Jacob, Abela Jake Gaetan, Agius Aiden G., Agius Kayden Agius Keira, Agius Machenzia, Agius Shania, Anastasi Luke, Anastasi Sophie, Ashton Maxlene Haisen, Attard Kelsey, Attard Luca, Axisa Eve, Azzopardi Karl, Azzopardi Kate celia, Azzopardi Nathan, Azzopardi Roanna, Azzopardi Sarah Maria, Baldacchino Gabrielle, Barber Cain, Bartolo Deyan, Bartolo Owen, Bartolo Parnis Philipa Batolo Parnis Julia, Bezzina Andrea, Bezzina Gabrielle, Bhorg Jake, Bonello Kyle, Bongailas Shalone, Borg Adriana, Borg Anbdrea, Borg Bonaci Elia John, Borg Carlos, Borg Claire Elise, Borg Dunstan, Borg Dylan, Borg Emma, Borg Jade, Borg Kelsey, Borg Lucas, Borg Marienne, Borg Martina, Borg Nathan, Borg Sarah, Borg Shayanne, Brimmer Cassar Isaac, Bugeja Claire Marie, Bugeja Simiana Kyra, Bugeja Thomas Philip, Bugeja Zack, Buontempo Luca Salvatore, Busuttil Keon, Buttigieg Liam, Buttigieg Salome, Cachia Anna Marie, Camijlleri Amy, Camilleri Vin Lee, Camilleri Catrina, Camilleri Emerson, Camilleri Faye, Camilleri Giacomo, Camilleri Jamie, Camilleri Katrina, Camilleri Kianka, Camilleri Liam, Camilleri Maria Joy, Camilleri Miguel, Camilleri Nathan, Cappello Tyler, Carabot Gabriel, Cardona Federica, Cardona Samwel, Caruana Brianah, Caruana Shanique, Cauchi Katrina, Chablis Chatzie, Chetcuti Chloe, Chetcuti Maya, Chircop Samantha, Christopher, Cianta Maconia, Ciantar Mariah, Cohen Kyana, Cohen Michael, Coleiro Matteo, Craig Debono Jaiden, Craig Debono Matthias, Cucciardi Mariah, Cunningham Kylie, Curmi Gabriel, Cuschieri Isaac, Cutajar Kalyen, Cutajar Kylie, Dalli Karl, Darmanin Riana, De Vella Shids Eliza, Debattista Eliya, Debattista Nigel, Debono Alicia, Debono Elea, Debono emma, Degiorgio Jake Anthony, Deguar Jonathan Deguara Jaden, Deguara Wayne, Delicata Emma, Demanuele Shanice, Demanuele Sharona, Demanuele Shaun, De'Raffaele Matthias, Desira Klarisse, Dimech Debono Maya, Dimech Maraya, Dingli Camilla Marie, Dingli Jan, Dingli Matthias, Dye Maximilian, Ellul Derk, Falzon Daniel, Falzon Gabriel, Falzon Miriella, Farrugia Abela Hosea, Farrugia Alec,. Farrugia Dylan, Farrugia Emma, Farrugia Gabriel, Farrugia Kayden, Farrugia Kayden, Farrugia Kieron, Farrugia Mariel, Farrugia Shailyeh, Farrugia Shania, Fava Kelsey, Fenech Jan, Fenech Kim, Fenech Maegan, Fenech Muriel, Fenech Tnea, Ferriggi Francesca, Formosa Benyonce, Formosa Maya, Friggieri Marta, Fucile Aaciyah Gabon Jake, Gaffarena Shaun, Galea Isaac, Galea Maya, Galea Pulo9 Julian, Galea Thea, Galea Yasmine, Gatt Aalayah Gatt Deslyn Gatt Jmichela, Gatt Katrina, Gauchżl Tristan, Gauci Julia, Gauci Miguel, Gauci Rafael Gellel Jake, Gravina Micaela, Grech Dean, Grech Emily, Grech Gilbert, Grech Kaiden, Grech Kaya, Grima Nigel, Grixti Chanice, Grixti Liam Shaun, Loughborough Jon Uen, Mallia Kane, Mangion Michael, Mangion Roxanna, Meli Elise, Mercieca Teyrion, Micallef Enya, Micallef Isaac, Micallef Jake, Micallef Joe Mark, Micallef Pier-Luigi, Micallef Zachary, Miceli ella Maria, Mifsud Kayden, Mifsud Keiza, Mifsud Miryea, Mifsud Nathan, Mifsud Renay, Mizzi Jeniva, Mkifsud Kurt, Montanaro Mariah Montebello Isaac, Muscat Emerson, Muscat Martina, Pace Alec,Pace Gabriel Paul, Pace Jayden, Pace Luke, Pace Neil, Pace Wendy Amber, Paris Saliba Simpson Ella, Pizzuto Elise, Portelli Ethan, Portelli Gabriel, Portelli Jake, Privitera Lee, Psaila Aiden, Psaila Caroline, Psaila Leah, Psaila Mark Joseph, Psaila Neil, Psaila Nicole, Pulis Jeanette, Pulis Leon, Pulis Mariah, Pulo Shaun, Refalo Luke, Rizzo Leonie, Sacco Lara May, Sacco Nicole Ann, Saliba Faye, Saliba Gauci Owen, Saliba Tai, Sammut Gabriel-George, Sammut Shannaya, Sant Lexi, Scerri Paula, Scerri Shaise. Sciberras Daniel, Sciberras Gwyneth, Sciberras Gwyneth, Sciberras Kyle, Sciberras Lydon, Scicluna Jake, Scicluna Julian, Scicluna Liam, Scicluna Martina, Scicluna Noella, Scicluna Rihanna, Scorfnqa Layrick Shaw Miguel Spiteri Alessia, Spiteri Cherise, Spiteri Jacob, Spiteri Samantha, Stone Alishia, Stone Jake, Sultana Maria, Tabone Eve, Tabone Neel, Tabone Sam, Tanti Angelika, Tanti Cecilia, Tanti Lincoln, Tanti Zahra Kaylie, Vassallo Agius Rebecca, Vassallo Kaya, Vassallo Kayden, Vella Bianco Shaneizia, Vella Estelle Marie Vella Isaac, Vella Jacob, Vella Julianne Marie, Vella Kelvin, Vella Kimberly, Vella Mariah, Vella Mariah Vella Martina, Vella Shanelle, Wyeth Graham, Xuereb Michael, Zammit Adriana, Zammit Aiden, Zammit Braiden, Zammit Darren, Zammit Kayzen, Zammit Krassimir, Zammit Kurt, Zammit Mallia Zenrick, Zammit Rohasia, Zammit Xeznie, Zarb Pictone Tiffany, Zerafa Hailey.

**Amerika:** Gorney Ashley Marie, Gorney Joshua Frank.

**Awstralja:** Camilleri Holly Maree, Zerafa Jessica.

**Ewropa:** Guerriero Claudia, Guerriero Giovanni, Guerriero Pierpaolo, Mitchell Olivia, Provenzi Matteo, Van Erp Olivia.

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Bugeja Adrian, Buttigieg Joseph, Callejja Margaret, Camerford Josey, Carabott Frances, Caruana Rita, Cauchi Carmen, Cauchi Salvina, Cauchi Patrick, Dane Family, Debono Josephine, Farrugia Angela, Farrugia Joseph & Angela, Fenech Carmen, Formosa Familja, Galea Jonathan, GaleaTeddy & Antoinette, Gauci Marija, Inguanti Pina, Kettoola Nazeeha Bajoory, Magro Familja, Manon Lola, Meilak Richard, Mercieca Marija, Micallef Ashley, Micallef Frieda, Micallef Mary, Mintoff Marianne, Mizzi Josette, Mizzi Marija, Mizzi Melikssa, Muscat Elizabeth, Muscat Familja, Muscat Victoria, Pace Koli, Pace Michael, Portelli Mr. & Mrs., Rapa Josephine, Said Fren' & Gerita, Said Tereża, Saliba M'Anne, Sammut Loreta, Sammut Mary, Sammut Vincenzo, Shippers Ġuża, Shippers Carmen, Sorbello Rita & Angela, Spiteri Joyce, Spiteri Mary, Stagno Ġlġa, Stellini Carmen, Sultana Maryanne, Sultana Tona, Tabone Jane, Tarsins Shianne, Theuma Kelina,Vella Carmen, Vella Charlie, Vella Evelyn, Vella Helen, Vella Vicky, Xerri Salvina, Zammit Dolora, Zammit Josephine, Zammit Tereża, Zammit Victor, Zardo Margaret, Ċetta, Kathy & Jimmy, Kelinu & Frances, Michelle, Joan & Frieda, Rita,

**Ewropa:** Borg Joseph, Buontempo Valeria, Busuttil Familja, Callus Grace, Camilleri Karmenu, Donghi Valentine, Elizan Jane, Hayes Caroline, Lane Vicky, May Doris, Mercieca John, Modha Dr.,Sprangles C & P., Sprangles Damyan, Sprangles Marvin, Than Tereża, David, Emma.

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

**Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex - ERDF 140"**

# Jibda r-Restawr tal-Pitturi ta' Ġużepp Briffa li jinsabu bis-Santwarju Ta' Pinu

Il-proċess ta' restawr li għaddej fuq sitt pitturi tal-pittur Ġużeppi Briffa, li dawn jiffurmaw parti min numru akbar ta' pitturi, u li huma preparatorji għal mużajċi li nsibu fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu. Dan il- proċess huwa fi stadju ta' interventi preliminari, wara li sar rapport preliminari estensiv, ta' proposti ta' interventi.

Dawn l-interventi preliminari li jwasslu għall-esekuzzjoni finali ta' interventi, li huma parti integrali mill-konservazzjoni u restawr ta' dawn l-pitturi, jikkonsistu f'diversi stadji li għadna kif wettaqna fuq dawn l-pitturi ta' Ġużeppi Briffa.

L-ewwel stadju huwa konoxxenza xjentifika tas-sapport propju ta' dawn l-pitturi, li hija l-istess tila. Dan ġie stabbilit permezz ta' analiżi xjentifika ta' liema materjal maħduma it-tila oriġinali. Kampjun żgħir tat-tila ġie meħud il-laboratorju, biex jiġi eżaminat u jistabilixxi huwiex materjal ta' tajjar jew għażel. B'dan l-mod wieħed jiddetermina x'tip ta' solventi jrid juża fil-proċess, li ma jikkawżax kontra effetti. B'dan l-istess 'sampling' jew kampjun wieħed jiddetermina ukoll x'tip ta' tila wieħed juża għall-estensjoni tat-trufijiet tagħha kif ukoll għal foderatura (tila sħiħa min wara bħala sapport ġdid lit-tila il-qadima) u trattamenti ġenerali li hemm bżonn fit-trattamenti tal-istess pitturi. Fuq dan l-istess kampjun qed jiġi stabilit għal-sapporti ġodda tat-tila, xi kwalita tat-tila trid tintuża kemm fil-materjal kif ukoll fil-ħxuna u id-densita tan-nisġa tagħha.

Kampjun ieħor qed jiġi mħejji biex jistabilixxi (peress li l-pitturi magħluqa f'xi armarji umdi għal tul taż-żmien ) il-funġiċita li tinsab mifruxa madwar u fuq l-livell pittoriku ta l-istess pitturi. Huwiex tip ta' fungi aċiduż li jiekol mill-kulur jew inkella ħmieġ ta' baktirja tal-moffa. Dan jistabillixi aktar b'mod konkret kif ser jiġu trattati dawn it-tbajja fl-interventi finali tal-proċess tar-restawr.

Ġew mħejjija ukoll għal dawn is-sitt pitturi tilari ġodda mill-aktar eleganti ta' injam fin, kif ukoll li għandhom espansjonijiet tal-metal li meta jkun hemm bżonn, it-tila tista' tistira kemm hemm bżonn skont in-neċessita tal-ambjent. Peress li Malta jkollna temperaturi umdi u xotti li jvarjaw b'mod mgħaġġel, l-espansjoni mekkanika b'mod manwali takkomoda is-sapport bl-espansjoni ta' l-istess mekkaniżmu magħmul apposta mat-tilari ġodda.

Fil- bidu ta' Jannar wara dawn ir-riżultati, li huwa l-ewwel stadju mil-aktar importanti f'dawn it-trattamenti , tibda l-implimentazzjoni propju , u fil-bidu ta' din is-sena jkollna l-ewwel sitt pitturi tal-pittur Malti Ġużeppi Briffa Konservati u apprezzati kif jixraqilhom biex ikomplu jżejnu mal-kollezzjoni ta' arti Sagra li hemm fis-Santwarju Ta' Pinu.

**Sac. Can Charles Vella**
*Artista u Konservatur/Restawratur*




*rigal sabiħ lill-familja*
*u lill-emigranti tagħna...*

# KALENDARJU 2011

*Titlifx dan iċ-ċans li takkwista*
*din it-tifkira mill-isbaħ tal-ġrajjiet*
*tas-Santwarju marbuta maż-żjara*
*tal-Papa Benedittu XVI f'Malta.*

Jinkludi 35 ritratt bil-kulur.

**PREZZ €2.50**

**Jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu**

NEWSPAPER POST